32000R1522

IR-REGOLAMENT TAL-KUNSILL (KE) Nru 1522/2000
ta' l-10 ta' Lulju 2000
li jimponi dazju definittiv kontra d-dumping ta' importazzjoni ta' fibri sintetiċi prinċipali tal-poliester li joriġinaw fl-Awstralja, l-Indonežja u t-Tajlandja u li jiġbor id-dazju provviżorju impost

IL-KUNSILL TA' L-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidra t-Trattat li jistabilixxi l-Komunità Ewropea,

Wara li kkunsidra r-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 384/96 tat-22 ta' Diċembru 1995 dwar il-protezzjoni kontra importazzjoni minn pajjiżi li mhumiex membri tal-Komunità Ewropea [1] u b'mod partikolari l-Artikolu 9 tiegħu,

Wara li kkunsidra l-proposta mogħtija mill-Kummissjoni wara li kkonsultat il-Kumitat Konsultattiv,

Billi:

1. IL-PROĊEDURA

1.1. Il-miżuri proviżorji u d-dazji kompensatorji definittivi

(1) Bir-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 124/2000 [2] (ir-"Regolament tad-dazju provviżorju") id-dazji provviżorji ta' kontra d-*dumping* kienu imposti fuq l-importazzjoni fil-Komunità ta' fibri prinċipali ta' poliester ("PSF") li jaqgħu fil-kodiċi NM 5503 20 00 u li joriġinaw fl-Awstralja,l-Indonežja u t-Tajlandja.

(2) Bħala riżultat ta' investigazzjoni parallella anti-sussidjarja, id-dazji kompensatorji provviżorji kienu imposti taħt ir-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 123/2000 [3] dwar l-importazzjoni fil-Komunità tal-PSF li joriġinaw fl-Awstralja, u t-Taiwan.

(3) Rigward l-investigazzjoni anti-sussidjarja msemmija hawn fuq, fir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 978/2000 [4] id-dazji kompensatorji definittivi li joriġinaw fl-Awstralja, it-Taiwan u l-Indonežja kienu addottati.

1.2. Il-proċedura sussegwenti

(4) Wara l-imposizzjoni tad-dazji provviżorji ta' kontra d-*dumping*, partijiet differenti taw kummenti bil-miktub. Skond id-disposizzjonijiet ta' l-Artikolu 6(5) tar-Regolament (KE) Nru 384/96 (ir-"Regolament bażiku"), il-partijiet li talbu hekk ingħataw l-opportunità li jinstemgħu. Il-partijiet kienu nfurmati dwar il-fatti essenzali u l-konsiderazzjonijiet fuq il-bażi ta' l-intenzjoni li tkun rakomandata l-imposizzjoni tad-dazji ta' kontra d-*dumping* definittiv u l-kollezzjoni definittiva, fil-livell ta' dan id-dazju, ta' ammonti assigurati b'dan il-mod ta' dazju provviżorju. Ingħataw ukoll perjodu li fih jagħmlu rappreżentazzjonijiet sussegwenti għal din l-ammissjoni'.

(5) Il-kummenti orali u miktuba mogħtija fit-termini perentorji magħmula għal dak il-għan mill-partijiet interessati ġew ikkunsidrati u, fejn kien xieraq, ingħataw attenzjoni għal riżultati definittivi.

1.3. Mingħajr koperazzjoni

(6) Wara l-imposizzjoni tal-miżuri provviżorji, wieħed prodottur ta' l-esportazzjoni mill-Indonežja li ma jikkoperax talab lill-Kummissjoni biex jerġa' jikkunsidra l-istat tiegħu bħala wieħed li ma jikkoperax. Il-pretensjoni kienet li, minkejja d-diffikultajiet li nħolqu bit-termini perentorji, din il-kumpannija wieġbet għall-kwestjonanarju tal-Kummissjoni u li dan kien indikazzjoni ta' l-intenzjoni tagħha li tikkopera.

(7) Kif spjegat fil-premess 18 tar-Regolament tad-dazju provviżorju, dan il-produttur ta' l-esportazzjoni ma rnexxilux iwieġeb kompletament għall-kwestjonarju fit-terminu perentorju, li ġie mtawwal ħafna drabi sabiex il-kumpannija tkun tista' tagħti tweġiba sinifikanti. Id-determinazzjoni provviżorja tan-nuqqas ta' koperazzjoni b'hekk għandha tkun konfermata.

2. IL-PRODOTT KONĊERNAT U L-PRODOTT SIMILI

(8) Il-prodott konċernat huwa l-fibri sintetiċi prinċipali tal-poliester, mhux mimxut jew inkella pproċessat għall-għażil, li bħalissa huwa kklassifikat taħt il-kodiċi NM 5503 20 00. Ħafna drabi jirreferu għalih bħala l-fibri prinċipali tal-poliester jew PSF.

(9) Il-Gvern Irjali Tajlandiż ("RTG"), il-Gvern ta' l-Indonežja ("GOI"), ċerti produtturi ta' l-esportazzjoni u assoċjazzjoni ta' l-utenti ("Eurofibrefill") jaffermaw li n-Notifika tal-Bidu tal-proċedura preżenti ma tkoprix it-tipi ta' PSF għall-applikazzjonijiet biex ma jkunux ipproċessati għall-għażil, u konsegwentement dawn it-tipi ta' PSF kellhom ikunu eskluži mill-proċedura.

(10) Kien diskuss ukoll li, f'kull ċirkostanza, għandha ssir differenza bejn it-tipi ta' PSF użati għall-applikazzjonijiet biex ikunu ipproċessati għall-għażil (imsejħin ukoll minusġa, jew "PSFS") u PSF użati għall-applikazzjonijiet biex ma jkunux ipproċessati għall-għażil (imsejħin ukoll mhux minusġa, fibrefill jew "PSFNS") minħabba l-karatteristiċi differenti fiżiċi, tekniċi u kimiċi u l-użu differenti. Barra dan, kien allegat li l-bidla, li seta' kien hemm, bejn PSFS u PSFNS kienet limitata ħafna u kkonċernat biss lil ċerti tipi ta' fibri oriġinarjament maħsuba għall-PSFS li jistgħu jkunu wżati għall-PSFNS. Fil-fatt, xi partijiet interessati indikaw li d-differenza bejn it-tipi ta' PSFS u PSFNS għandha tkun

[1] ĠU L 56, 06.03.96, p. 1. Ir-Regolament kif l-aħħar emendat mir-Regolament (KE) Nru 905/98 (ĠU L 128, 30.04.98, p. 18).
[2] ĠU L 16, 21.01.00, p. 3.
[3] ĠU L 16, 21.01.00, p. 30.
[4] ĠU L 113, 12.05.00, p. 1.

riflessa fil-ħxuna espressa f"denier". Fl-opinjoni tagħha, it-tipi ta' PSF taħt it-3 denier huma użati mill-industrija ta' l-ipproċessar ta' l-għażil, fil-waqt li t-tipi ta' fuq it-3 denier huma użati fl-applikazzjonijiet biex ma jkunux ipproċessati għall-għażil.

(11) Barra minn hekk, huma sostnew li l-industrija tal-Komunità tipproduċi l-iktar PSFS u li konsegwentement ħafna tipi ta' PSFNS iridu jkunu ta' għejun barra l-Komunità.

(12) Bl-istess mod, produttur ta' l-esportazzjoni fl-Indoneżja afferma li PSF magħmul minn materja prima reċiklata ("PSF reċiklat") ma għandux ikun inkluż fl-istess kategorija ta' PSF magħmul minn materja prima regolari ("PSF regolari"), għax it-tnejn għandhom proċess ta' produzzjoni differenti, huma pproċessati b'materja prima differenti u fl-aħħar jiġu użati b'mod differenti. B'hekk huma sostnew li PSF reċiklat ma għandux ikun kopert bil-proċedura preżenti.

(13) F'dan ir-rigward għandu jiġi nnotat li l-Avviż tal-Bidu, kif ukoll l-ilment, jirriproduċu b'mod ċar id-deskrizzjoni tal-kodiċi NM relevanti li tkopri t-tipi kollha ta' PSF. Minkejja dan, wara l-bidu ta' l-investigazzjoni preżenti, il-kliem tad-deskrizzjoni tal-kodiċi NM relevanti ġie interpretat ħażin minn ċerti produtturi li jesportaw. Sussegwentement, kien kjarifikat li kemm l-ilment kif ukoll l-Avviż tal-Bidu jkopru t-tipi kollha ta' PSF esportati mill-pajjiżi konċernati u magħmula mill-industrija tal-Komunità mingħajr ma jingħata każ ta' l-użu tagħhom.

(14) Fil-fatt, l-industrija tal-Komunità tipproduċi t-tipi kollha ta' PSF u b'mod partikolari PSFNS. Ċertament, kontra dak li jissuġerixxu l-allegazzjonijiet dwar l-attività limitata ħafna ta' l-industrija tal-Komunità fil-produzzjoni ta' PSFNS, l-investigazzjoni wriet li waqt il-perjodu ta' l-investigazzjoni, "IP" (l-1 ta' April 1998 sal-31 ta' Marzu 1999), il-bejgħ tat-tipi differenti ta' PSFS irrappreżentaw madwar 25 % tal-bejgħ ta' l-industrija tal-Komunità, waqt li t-tipi ta' PSFNS irrappreżentaw madwar 75 %.

(15) Instab ukoll li madwar 50 % ta' l-importazzjoni tal-PSF li joriġina mill-Awstralja, l-Indoneżja u t-Tajlandja kienu tipi ta' PSFS,filwaqt li l-50 % l-oħra kienu tipi ta' PSFNS.

(16) Safejn id-differenzi allegati fil-karatteristiċi fiżiċi, tekniċi, u kimiċi huma konċernati, għandu jkun imfakkar li PSF jiġi f'sensiela wiesgħa ta' tipi differenti, ġeneralment ta' l-istess komposizzjoni kimika. Huma wkoll magħmula bl-istess faċilitajiet tal-produzzjoni u anke fuq l-istess linji produttivi. L-investigazzjoni wriet li, skond l-operatur, bejn 15 u 80 tip ta' PSF huma magħmula kemm mill-produtturi li jesportaw kif ukoll mill-industrija tal-Komunità. Il-karatteristiċi prinċipali li permezz tagħhom tipi differenti ta' PSF jistgħu jintgħarfu huma l-ħxuna (denier), it-tul, tenaċità, tgħaffiġ u minn kemm jinxtorbu. Huwa ċar li bejn "it-tarf ta' isfel" u "t-tarf ta' fuq" tas-sensiela, hemm differenzi, fit-termini tal-karattertistiċi tekniċi msemmija hawn fuq. Madankollu għandu jkun innotat li differenzi fil-karatteristiċi fiżiċi jeżistu wkoll għall-tipi ta' l-istess ħxuna, minħabba li l-produzzjoni normalment issir skond l-ispeċifikazzjonijiet tal-klijent.

(17) Id-differenzi allegati kważi kompluti tat-tipi ta' PSF li jużaw il-limitu ta' 3 denier li jirriflettu differenzi fl-użu tal-prodotti, ma kienx ikkonfermat fl-investigazzjoni preżenti, b'mod partikolari bl-analiżi tad-data attwali li ġiet mingħand il-produtturi li jesportaw u mill-industrija tal-Komunità. Fil-fatt, ġew stabbiliti tixbihat sinifikanti bejn tipi differenti ta' PSF. Dan l-eżami wera li l-bejgħ ta' PSF taħt 3 denier lill-industriji li fihom ma jkunx proċessat għall-għażil u 'l fuq minn 3 denier lill-industrija tal-proċessar għall-għażil jkopri madwar 20 % ta' l-importazzjoni mit-tliet pajjiżi konċernati u tal-bejgħ ta' l-industrija tal-Komunità. Barra minn hekk, 7 % tal-fibri huma eżattament fil-limitu ta' 3 denier, li huma mibjugħa għall-użu tal-proċessar għall-għażil jew biex ma jkunux ipproċessati. L-investigazzjoni b'hekk uriet li ma hemmx diviżjoni ċara bejn it-tipi varji, minħabba li hemm tixbihat u konsegwentement kompetizzjoni bejn tipi "qrib" f'din is-sensiela ta' tipi.

(18) Minbarra t-tixbihat imsemmija hawn fuq, il-fatt li l-istess PSF huwa użat kemm għall-applikazzjonijiet biex ikun ipproċessat għall-għażil u kemm biex ma jkunx ipproċessat ġie wkoll ikkonfermat fil-fatt li jeżisti mod wieħed ta' bidla li jinstab f'ċerti tipi ta' PSF. Ċertament, PSFS jistgħu jinbiegħu għall-użu biex ma jkunux ipproċessat għall-għażil jekk il-kwalità tal-fibri ma tkunx tajba għall-użu ta' l-ipproċessar. Konsegwentement, wara l-prattika tal-Komunità f'dawn il-każijiet, it-tipi varji ta' PSF involuti għandhom jiġu kkunsidrati li jifformaw prodott wieħed waħdu.

(19) Rigward id-differenza allegata fil-valur tal-produzzjoni tal-PSFS u l-PSFNS, għandha tkun innotata li din id-differenza hija negliġibbli. Dan jidher ukoll fil-fatt li ma hemmx differenzi kbar fil-prezzijiet tal-bejgħ tal-PSFS u l-PSFNS, per ez. it-tipi regolari ta' PSF għall-għanijiet ta' l-ipproċessar għall-għażil u biex ma jkunux ipproċessati.

(20) Kif issemma' hawn fuq, it-tipi kollha ta' PSF huma magħmula mill-istess tagħmir ta' produzzjoni. Barra minn hekk, li taqleb minn tip wieħed ta' PSF għall-ieħor, minbarra ċerti spejjeż ta' aġġustament u kalibrar, ma jinvolvix xi investimenti addizjonali. Għalkemm dan mhux relevanti għad-determinazzjoni tal-prodott ikkonċernat u l-prodott bħalu, dan juri li l-industrija tal-Komunità tista' tipproduċi kull tip ta' PSF. Konsegwentement, anke jekk, kif allegat, ċerti tipi ta' PSF ma kinux disponibbli mill-industrija tal-Komunità, dan mhux dovut għall-raġunijiet tekniċi imma għal-livell tal-prezz depress ikkawżat mill-importazzjoni ddampjati li l-klijenti użaw fit-talbiet tagħhom għall-kwoti tal-prezzijiet. Għalhekk, l-argument li ċerti tipi ta' PSF mhumiex disponibbli mill-industrija tal-Komunità ma kienx ikkonfermat.

(21) Finalment, għandu jiġi mfakkar li l-fatt li jeżistu tipi differenti ta' PSF, varjazzjoni fil-kwalità ta' materja prima użata, proċessi ta' produzzjoni u użu differenti ma jinkludux xi differenzi sinifikanti fil-karatteristiċi bażiċi fiżiċi, kimiċi u tekniċi ta' PSF. Għalhekk, PSF reċiklat u regolari għandu jiġi kkunsidrat bħala parti mill-prodott konċernat għall-għan ta' din il-proċedura.

(22) Ibbażat fuq li għidna qabel, huwa kkunsidrat li l-kummenti milqugħa rigward id-definizzjoni tal-prodott ikkonċernat u l-prodott bħalu, mhumiex biex jinvalidaw il-konklużjonijiet tal-premessi 10 sa 12 tar-Regolament tad-dazju provviżorju. Konsegwentement, dawn il-konklużjonijiet, li jixbhu lill-konklużjonijiet milħuqa għall-istess prodott fl-investigazzjonijiet ta' qabel, huma hawnhekk ikkonfermati.

3. **DUMPING**

3.1. **L-Awstralja**

3.1.1. *Il-valur normali*

(23) Wara l-adozzjoni tal-miżuri provviżorji, l-uniku produttur Awstraljan li jesporta afferma li l-Kummissjoni kienet ikkunsidrat b'mod ħażin l-uniku utent domestiku bħala kumpannija relatata u għalhekk ma għandux jeskludi t-transizzjonijiet lil din il-kumpannija biex tiddetermina l-valur normali. Skond il-produttur li jesporta, dan l-utent kien klijent indipendenti.

(24) Din il-pretensjoni ma ntlaqatx għax skond l-informazzjoni li waslet fuq il-post, l-utent imsemmi u l-produttur Awstraljan li jesporta kienu t-tnejn ipposieduti bil-fiduċja. It-tnejn kienu kkontrollati mill-istess familja. Barra minn hekk, il-kumpannija nnifisha ammettiet li ċerti diretturi u azzjonisti fiż-żewġ kumpanniji kienu komuni. Il-konklużjoni li ħarġu biha kienet li ż-żewġ kumpanniji kienu partijiet assoċjati fis-sens ta' l-Artikolu 2(1) tar-Regolament bażiku. Barra dan, il-kumpannija ma wrietx li r-relazzjoni ma kinitx affettwat il-livelli tal-prezz bejn iż-żewġ partijiet. Barra minn hekk, il-Kummissjoni stabbiliet li dawn it-transizzjonijiet ma kinux magħmula fit-triq ordinarja tal-kummerċ, minħabba li ma kinux jafu kif saru.

(25) Il-produttur Awstraljan li jesporta afferma wkoll li biex tistabilixxi kemm tiswa l-materja prima kellhom jiġu użati l-ammonti li fil-fatt tħallsu minflok il-prezzijiet invojsajti għall-materja prima.

(26) Din il-pretensjoni ġiet aċċettata u l-ispiża tal-produzzjoni użata fit-triq ordinarja tat-test tal-kummerċ u biex ikun stabbilit il-valur normali kien revedut minħabba f'hekk.

3.1.2. *Il-prezz ta' l-esportazzjoni*

(27) Ma sarux pretensjonijiet li jikkonċernaw id-determinazzjoni tal-prezz ta' l-esportazzjoni. Il-konklużjonijiet dikjarati fir-Regolament tad-dazju provviżorju huma hawnhekk konfermati.

3.1.3. *Il-Paragun*

(28) Wara l-adozzjoni tal-miżuri provviżorji, il-produttur Awstraljan li jesporta reġa' għamel it-talba tiegħu għal konċessjoni għal servizzi tekniċi fis-suq domestiku.

(29) Kif imniżżel fil-premess 40 tar-Regolament tad-dazju provviżorju, il-kumpannija ma tatx spjegazzjoni sodisfaċenti fir-rigward tan-natura tal-pretensjonijiet u barra minn hekk ma pprovdietx spjegazzjonijiet sodisfaċenti jew evidenza dokumentata biex issostni l-ammonti ta' aġġustamenti kklejmjati. Barra minn hekk, il-kumpannija ma setgħetx turi li l-fattur konċernat wassal għall-prezzijiet differenti mitluba lill-klijenti fuq is-suq domestiku u dak ta' l-esportazzjoni.

(30) Il-pretensjoni kienet rifjutata konsegwentement u l-konlużjonijiet dikjarati fir-Regolament tad-dazju provviżorju kienu kkonfermati.

3.1.4. *Il-marġni tad-*dumping

(31) Il-paragun tal-valur normali revedut u mwieżen bejn wieħed u ieħor bil-prezz medju u mwieżen ta' l-esportazzjoni mit-tip tal-prodott fuq bażi ta' ex fabbrika wera l-eżistenza tad-*dumping*. Il-marġni definittiv tad-*dumping* bħala persentaġġ tal-prezz tad-dazju ta' l-importazzjoni cif mhux imħallas huwa ta' 18 %.

3.2. **L-Indoneżja**

3.2.1. *Il-kampjunar*

(32) Kif spjegat fir-Regolament tad-dazju provviżorju, il-kampjunar kien użat fl-Indoneżja. Wara l-adozzjoni tal-miżuri provviżorji, l-awtoritajiet ta' l-Indoneżja sostnew li ma qablux mal-kampjun propost mill-Kummissjoni fiż-żmien ta' l-għażla tal-kampjun. Madankollu, għandu jiġi mfakkar li l-kumpanniji magħżulin finalment fil-kampjun kienu dawk li ġew issuġġeriti bil-miktub għal dan il-għan mill-awtoritajiet ta' l-Indoneżja infushom. Ma ntlaqgħux iktar kummenti dwar il-kampjunar u, għalhekk, il-konklużjonijiet tar-Regolament tad-dazju provviżorju huma hawnhekk ikkonfermati.

3.2.2. *Il-valur normali*

(33) Wara l-adozzjoni tal-miżuri provviżorji, il-Kummissjoni rrevediet sa fejn waslet il-koperazzjoni li rċeviet minn produttur wieħed Indoneżjan li jesporta. F'dan ir-rigward, ġie konkluż li l-problemi li ltaqgħu magħhom kemm bl-informazzjoni provduta fit-tweġibiet tal-kwestjonarju kif ukoll bil-verifikazzjoni sussegwenti fuq il-post ifissru li ċerta informazzjoni provduta mill-kumpannija ma setgħetx tkun verifikata biżżejjed b'mod partikolari b'konnessjoni ma' l-ispiża tal-prodott. L-informazzjoni kif kienet preżentata kienet imqarqa u b'hekk impediet l-investigazzjoni. Barra minn hekk, l-ispjegazzjonijiet mogħtija wara l-adozzjoni tal-miżuri provviżorji qajmu iktar dubji dwar l-informazzjoni mogħtija oriġinarjament. Il-kumpannija kienet b'hekk infurmata li ċerta informazzjoni mogħtija mhix se tingħata importanza u kienet mogħtija opportunità biex tipprovdi iktar spjegazzjonijiet. L-ispjegazzjonijiet provduti ma kinux kkunsidrati sodisfaċenti. F'dawn iċ-ċirkustanzi, ir-riżultati

kienu magħmula fuq il-bażi tal-fatti disponibbli skond l-Artikolu 18 tar-Regolament bażiku. Madankollu, l-informazzjoni provduta minn din il-kumpannija kienet għadha użata kemm jista' jkun possibli għall-għan ta' din l-investigazzjoni.

(34) Dan il-produttur Indoneżjan li jesporta afferma li l-Kummissjoni kellha tikkalkula valuri normali separati u marġni tad-*dumping* separati għal gradi tat-tieni u t-tielet kwalità tal-prodott konċernat. Il-kumpannija affermat li billi rraportat data għal sub-kwalitajiet differenti separatament, b'hekk hi kienet imxiet ma' l-istruzzjonijiet tal-kwestjonarju, minħabba li kkunsidrat li l-ispeċifikazzjonijiet tekniċi tat-tieni u t-tielet kwalità kienu differenti u li, barra minn hekk, dawn il-kwalitajiet kienu ddivrenzati fir-rekords tal-kumpannija. Il-kumpannija rraportat ukoll spejjeż differenti tal-produzzjoni għall-kwalitajiet differenti, allegatament ibbażati fuq sistema ta' spiża li kienu spejjeż allokati biex jippermettu l-irkupru ta' l-ispiża għas-sub-kwalitajiet. Barra dan, il-kumpannija affermat li l-paragun tas-sub-kwalitajiet iggruppjati ma kienx xieraq.

(35) Instab li l-kumpannija la segwiet l-istruzzjonijiet għar-rapport kif mmniżżla fil-kwestjonarju, u lanqas ir-rekords tagħha, mqiegħda għad-disposizzjoni tal-Kummissjoni, fir-rigward tal-klassifikazzjoni tal-kwalitajiet sub-*standard*. Minkejja dan li ssemma' hawn fuq, l-ispiża tal-produzzjoni tal-kwalitajiet differenti kif irrapurtata mill-kumpannija fit-tweġiba għall-kwestjonarju kienet eżaminata iktar. F'dan ir-rigward, ġie stabbilit li dawn l-ispejjeż tal-produzzjoni tat-tieni u t-tielet kwalità ma rriflettewx b'mod raġonevoli l-ispejjeż assoċjati mal-produzzjoni u l-bejgħ tal-prodott bil-konsiderazzjoni, kif previst fl-Artikolu 2(5) tar-Regolament bażiku. Fil-fatt, l-ispejjeż tal-produzzjoni rraportati għas-sub-kwalitajiet ma nkludewx l-ispiża tax-xogħol, deprezzament, spejjeż ġenerali u bejgħ, infiq ġenerali u amministrattiv ("SG U A"). Barra minn hekk, instab li l-allegazzjoni tal-kumpannija li taw prezz sempliċiment biex ikopri l-ispiża ġie f'konflitt ma' l-informazzjoni mogħtija, li wriet profitti għolja għas-sub-kwalitajiet. Barra dan, ma kienx kontestat li l-għan tal-kumpannija kien li tipproduċi PSF ta' l-ewwel kwalità. Dan implika li l-ispiża attwali tal-produzzjoni tal-PSF kollu, irrispettivament mill-kwalità, kienet l-istess. Għalhekk, l-ispiża tal-produzzjoni reġgħet ġiet ikkalkulata fuq il-bażi ta' l-ispiża attwali totali magħmula matul iż-żmien ta' l-investigazzjoni li mbagħad ġiet diviża mill-volum totali maħluq biex jistabbilixxi l-ispiża medja tal-produzzjoni.

(36) Skond il-metodoloġija deskritta fir-Regolament tad-dazju provviżorju, l-ispiża reveduta tal-produzzjoni kienet imbagħad applikata biex tivverifika jekk il-prezzijiet domestiċi kinux saru kif soltu jsiru fil-kummerċ. Fejn kien instab li kien il-każ, il-prezzijiet domestiċi kienu użati biex jistabilixxu l-valur normali. Il-bqija, il-valur normali kien iffurmat. Fuq din il-bażi, il-gruppi jew xort'oħra tas-sub-kwalitajiet allegati differenti ma affettwawx ir-riżultat. Madankollu, ġie aċċettat li l-kumpannija kellha ftit produzzjoni sub-*standard* tal-prodott konċernat u din il-kwistjoni ġiet ittrattata bħala sitwazzjoni ta' paragun.

(37) L-istess produttur Indoneżjan li jesporta afferma li l-ispejjeż ġenerali u amministrattivi użati biex jikkalkulaw il-valur normali kellhom ikunu allokati fuq il-bejgħ kollu tad-diviżjoni li tipproduċi l-prodott konċernat, li tinkludi l-bejgħ intern.

(38) Din il-pretensjoni ma ġietx aċċettata, minħabba li l-ispejjeż kienu magħmula mill-bejgħ lill-klijenti indipendenti u mhux mit-trasferimenti interni lil diviżjonijiet oħra li żiedet il-proċess għall-prodott ikkonċernat.

(39) L-istess produttur Indoneżjan li jesporta afferma li l-Kummissjoni kien imissha tuża l-prodott speċifiku ta' l-infiq SG U A biex tikkalkula l-valur normali u mhux l-infiq totali SG U A tad-diviżjoni li tipproduċi il-prodott konċernat.

(40) Din il-pretensjoni ma ġietx aċċetata, minħabba li l-kumpannija falliet li tipprovdi d-dokumentazzjoni ta' sostenn neċessarja li kienet tippermetti verifikazzjoni proprja tal-prodott speċifiku ta' l-infiq SG U A matul l-investigazzjoni ta' fuq il-post Għalhekk, l-allokazzjoni fuq kollox ta' l-infiq SG U A tad-diviżjoni kienet miżmuma.

(41) L-istess produttur Indoneżjan li jesporta afferma li l-Kummissjoni nkludiet ċertu nfiq ta' l-esportazzjoni li jista' jkun identifikat fl-ispejjeż tal-prodott mibjugħ fuq is-suq domestiku meta tikkalkula l-valur normali.

(42) Il-pretensjoni ġiet aċċettata u l-allokazzjoni ta' l-infiq SG U A ġiet reveduta fuq il-bażi taċ-ċart tal-kontijiet mogħtija mat-tweġiba tal-kwestjonarju u ġiet użata fil-verifikazzjoni, tant li wriet b'mod ċar l-kontijiet ikkonċernati f'relazzjoni ma' l-esportazzjoni.

(43) L-istess produttur Indoneżjan li jesporta afferma li l-Kummissjoni ma kellhiex talloka għal prodott konċernat l-SG U A ta' unità waħda organizzattiva tal-kumpannija allegatament involuta fl-attivitajiet tas-suq finanzjarju għax din l-unità kienet ċentru ta' profitt separat u ma kinitx qed taħdem biex tipprovdi ċentru ta' servizz għal diviżjonijiet oħra.

(44) Din il-pretensjoni ma ġietx aċċettata. Il-kumpannija ma pprovdiet l-ebda evidenza li l-unità organizzattiva msemmija kienet diviżjoni indipendenti mid-diviżjonijiet operattivi u lanqas ma wriet li kienet taħdem bħala ċentru ta' profitt. B'mod partikolari, ir-rendikonti finanzjarji verifikati tal-kumpannija ma għamlux referenza għall-attivitajiet tas-suq finanzjarju magħmula minn ċentru ta' profitt indipendenti. Fil-fatt, id-dokumenti provduti mill-kumpannija wrew li l-unità organizzattiva msemmija kienet involuta b'mod ċentrali fl-operat tal-kumpannija kif definit fil-kontijiet verifikati. L-attivitajiet tagħha kienu dawk normalment magħmula minn uffiċċju maniġerjali. Għalhekk, l-allokazzjoni ta' l-infiq ta' SG U A ta' din l-unità għall-prodott ikkonċernat kienet miżmuma fil-kalkulazzjoni tal-valur normali.

(45) L-istess produttur Indoneżjan li jesporta afferma li l-Kummissjoni ma kellhiex talloka l-ispejjeż ta' interess ta' l-unità organizzattiva msemmija hawn fuq tal-prodott konċernat. Il-kumpannija sostniet li d-djun dikjarati għal din l-unità pprovdew il-flus għall-attivitajiet fis-swieq finanzjarji u fl-investimenti fil-kumpanniji sussidjarji. Dawn id-djun għalhekk, skond il-kumpannija, ma kellhomx x'jaqsmu mal-produzzjoni u mal-bejgħ tal-prodott ikkonċernat u attribuzzjoni għad-diviżjonijiet differenti ta' l-operat ma tkunx korretta. Kien sostenut ukoll li l-fondi meħtieġa tad-diviżjoni involuta fil-produzzjoni u l-bejgħ tal-prodott konċernat kienu milħuqa mid-diviżjoni nnifisha.

(46) Din il-pretensjoni ma ġietx aċċettata għax, kif indikat fil-premess 44, hawn fuq, l-attivitajiet ta' din l-unità organizzattiva kienu dawk li normalment isiru f'uffiċċju maniġerjali. Barra dan, il-kumpannija ma pprovdietx evidenza sodisfaċenti l-għala d-djun ma kinux se jintużaw biex jiffinanzjaw l-attivitajiet tad-diviżjonijiet differenti ta' l-operat. Barra minn hekk, l-ispjegazzjoni provduta rigward il-fondi tal-fabbrikazzjoni u ta' l-attivitajiet tas-suq finanzjarju ma kinux ikkonfermati mir-rendikonti finanzjarji tal-verifika tal-kumpannija.

(47) Meta eżaminaw il-pretensjoni li tikkonċerna dawn l-ispejjeż finanzjarji, kien stabbilit li l-kumpannija daħlet f'arranġamenti foloz biex tillimita r-riskji tar-rati tal-kambju relatati mad-djun imsemmija hawn fuq. Dawn it-transazzjonijiet foloz inkludew nefqa annwali f'forma ta' premium. Għalkemm il-kumpannija affermat li din in-nefqa ma għandhiex tkun allokata għall-prodott konċernat minħabba r-raġunijiet imsemmija fil-premessi 45, kien ikkunsidrat li dan l-infiq kellu jiġi nkluż fl-ispejjeż SG U A u jkun allokat għall-prodotti kollha fuq il-bażi tal-valur tal-bejgħ totali tal-kumpannija. Barra minn hekk, il-pretensjoni biex tikkonsidra qligħ mill-kambju internazzjonali fuq it-transazzjonijiet hedging ma kinitx aċċettata, minħabba li dan il-qligħ mir-rata tal-kambju mhux ikkunsidrat fl-investigazzjonijiet ta' kontra d-*dumping*, kemm jekk ikun sar u anke jekk ma sarx.

(48) L-istess produttur Indoneżjan li jesporta afferma li jekk l-ispejjeż ta' l-interessi kienu allokati lid-diviżjonijiet differenti ta' l-operat, dawn għandhom ikunu ikkompensati bi dħul korrispondenti.

(49) Din il-pretensjoni ġiet aċċettata sa issa għax tikkonċerna dħul minn depożiti ta' fondi għal żmien qasir. L-ispejjeż SG U A għalhekk kienu reveduti qabel ma jkunu użati kif soltu jsir fit-test tal-kummerċ u biex ikun maħluq il-valur normali.

3.2.3. *Il-prezz ta' l-esportazzjoni*

(50) L-ebda pretensjoni ma saret li tikkonċerna d-determinazzjoni tal-prezz ta' l-esportazzjoni. Il-konklużjonijiet dikjarati fir-Regolament tad-dazju provviżorju huma hawnhekk ikkonfermati.

3.2.4. *Il-Paragun*

(51) Kif indikat fil-premess 36, produttur wieħed li jesporta afferma li d-differenzi fil-kwalità tal-produzzjoni għandha tkun ikkunsidrata. F'dawn iċ-ċirkostanzi, kien ikkunsidrat li tkun ħaġa xierqa li jingħata aġġustament speċjali fuq il-valur normali għall-kwalità sub-*standard*.

(52) Wara l-adozzjoni tal-miżuri provviżorji, wieħed produttur Indoneżjan li jesporta afferma li l-Kummissjoni kellha tikkalkula l-ammont ta' l-ispejjeż tal-kreditu fuq il-bejgħ ta' l-esportazzjoni fuq il-bażi ta' l-ispejjeż attwali li ntefqu mill-kumpannija meta tnaqqsu l-Kontijiet L/C. Il-kumpannija tafferma wkoll li r-rati ta' l-interessi mħallsa fil-qafas tal-bejgħ ta' l-esportazzjoni kienu inqas mir-rati ta' l-interessi għall-bejgħ domestiku fl-istess munita.

(53) Din il-pretensjoni ma ġietx aċċettata għax, skond l-Artikolu 2(10)(g) tar-Regolament bażiku, għandu jsir aġġustament għad-differenzi fl-infiq ta' xi kreditu mogħti għall-bejgħ taħt il-konsiderazzjoni biss "li huwa fattur importanti fid-determinazzjoni tal-prezzijiet imħallsa". Fil-kwestjonarju tagħha, il-kumpannija ma pprovdietx informazzjoni rigward ir-rati ta' l-interessi imħallsa għall-kreditu fil-qafas tal-bejgħ ta' l-esportazzjoni, għalkemm din kienet mitluba b'mod ċar fil-kwestjonarju. Din il-pretensjoni li r-rata ta' l-interess għall-kreditu tal-bejgħ ta' l-esportazzjoni kienet inqas minn dak tal-bejgħ domestiku, li t-tnejn kienu fl-istess munita, għalhekk ma setgħetx tkun verifikata għax dan il-fattur ma kienx magħruf fiż-żmien tal-verifikazzjoni.

3.2.5. *Il-marġni tad*-dumping

(54) Il-paragun tal-valur normali mwieżen bejn wieħed u ieħor, revedut kif suppost, bil-prezz ta' l-esportazzjoni mwieżen bejn wieħed u ieħor bit-tip tal-prodott fuq bażi ta' ex fabbrika, wera l-eżistenza tad-*dumping* għaż-żewġ produtturi li jesportaw li qed jiġu investigati inklużi f'dan il-kampjun.

(55) Il-marġni tad-*dumping* ta' kumpannija investigata kien revedut. Għalhekk, il-marġni tad-*dumping* mwieżen bejn wieħed u ieħor ikkalkulat għall-kumpanniji li jikkoperaw u li mhumiex inklużi fil-kampjun skond l-Artikolu 9(6) tar-Regolament bażiku kien revedut ukoll. Madankollu, il-kalkulazzjonijiet reveduti ma affettwawx il-marġni tad-*dumping* stabbilit għall-kumpanniji li ma jikkoperawx li huwa hawnhekk ikkonfermat. Il-marġni tad-*dumping* definittivi bħala persentaġġ tal-prezz tad-dazju ta' l-importazzjoni cif mhux imħallas huma kif ġejjin:

— Produtturi tal-kampjun li jesportaw investigati:

  — PT. Is-Sintetiċi Tbk ta' Indorama.: 8,4 %

  — PT. Panasia Indosyntec: 14,8 %

— Produtturi li jesportaw u li jikkoperaw li mhumiex inklużi fil-kampjun:

  — PT. L-Industrija ta' GT Petrochem Tbk.: 14,0 %

  — PT. L-Industrija tal-Fibra Sintetika ta' Susilia Indah: 14,0 %

  — PT. Il-Korporazzjoni tal-Fibra ta' Teijin l-Indoneżja Tbk.: 14,0 %

— Il-produtturi li jesportaw u li ma jikkoperawx: 20,8 %

3.3. **It-Tajlandja**

3.3.1. *Il-valur normali*

(56) Wara l-adozzjoni tal-miżuri provviżorji, wieħed produttur li jesporta, li ma żammx in-nefqa separata tal-kontijiet tal-bejgħ mill-prodott lest, sostna li l-Kummissjoni kellha taċ-ċetta l-mudell dettaljat ta' l-infiq speċifiku tal-kalkulazzjonijiet tal-produzzjoni li huma għamlu espressament għall-għan li jirrispondu l-kwestjonarju.

(57) Dan il-produttur li jesporta sostna, wara l-miżuri provviżorji, li l-investigazzjoni tagħhom tat-tmiem tal-perjodu ta' l-għeluq tal-valur ta' l-i*stock* mir-riżultati ta' kull xahar ta' l-amministrazzjoni interna ġiet ikkalkulata iktar fuq il-bażi tal-valur tas-suq mistenni milli fuq il-bażi ta' l-infiq u għalhekk ma kienx xieraq għal dik il-figura li tkun użata għan-nefqa tal-produzzjoni.

(58) Sostnew ukoll li kien ikun iktar xieraq li tkun stabbilita n-nefqa tal-produzzjoni fuq il-figura ta' l-għeluq ta' l-i*stock* fl-aħħar tas-sena finanzjarja milli fuq il-figura ta' l-għeluq ta' l-i*stock* fl-aħħar tal-perjodu ta' l-investigazzjoni, hekk kif il-figura ta' l-għeluq ta' l-i*stock* ta' l-aħħar tas-sena kienet verifikata, kopriet disa' xhur tal-perjodu ta' l-investigazzjoni u mhux tliet xhur u kienet simili għan-nefqa tal-produzzjoni speċifikament kalkulata mill-kumpannija għall-ewwel disa' xhur tal-perjodu ta' l-investigazzjoni.

(59) Barra dan, affermat li l-infiq ta' kull xahar tal-produzzjoni kellu jkun użat minħabba l-varjazzjonijiet fl-infiq tal-materja prima u fir-rati tal-kambju u l-fatt li ma kienx hemm esportazzjoni għall-Kommunità matul ċerti xhur.

(60) Madankollu, instab li l-infiq speċifiku kkalkulat ma kienx konsistenti ma' ċerti valuri ta' l-għeluq ta' l-i*stock* irrapurtati minn dan il-produttur li jesporta fit-tweġiba tiegħu tal-kwestjonarju, ladarba l-metodu tal-valutazzjoni ta' l-i*stock* kien irrapurtat f'dan ir-rigward, i. e. l-inqas tan-nefqa medja jew il-valur tan-net li jista' jissarraf.

(61) Il-produttur li jesporta ċaħad l-eżistenza tal-kontijiet amministrattivi għall-prodott konċernat fit-tweġiba għall-kwestjonarju u l-ebda riżultati amministrattivi interni bil-valuri ta' l-għeluq ta' l-i*stock* ma kienu miksuba jew verifikati matul il-verifikazzjoni ta' fuq il-post.

(62) Rigward il-figuri ta' l-i*stock* verifikati allegati, l-ebda sena finanzjarja ta' l-aħħar ta' l-għeluq ta' l-iskedi tal-valutazzjoni ta' l-i*stock* ma kienu miksuba matul iż-żjara tal-verifikazzjoni, għalkemm kienu mitluba, u għalhekk, ma kienx possibli li tiddetermina l-metodu ta' l-i*stock* utilizzat storikament jew li tivverifika il-valuri ta' l-i*stock* ta' l-unità fuq it-tip ta' prodott jew fuq il-bażi totali fl-aħħar tas-sena.

(63) F'dawn iċ-ċirkostanzi, kien ikkunsidrat li l-infiq ikkalkulat kull xahar u kull sena speċifikament tal-produzzjoni ma kienx ta' min joqgħod fuqu. Għalhekk, l-investigazzjoni ta' l-aħħar tal-perjodu ta' l-għeluq tal-valur ta' l-i*stock*, li skond l-informazzjoni kollha li rċeviet il-Kummissjoni sa l-aħħar taż-żjara tal-verifikazzjoni, kienet ibbażata fuq l-inqas infiq jew fuq il-valur meqjus bħala net, għandu jkun miżmum bħala n-nefqa tal-produzzjoni għad-determinazzjoni tal-valur normali.

(64) Il-pretensjonijiet magħmula minn produttur ieħor li jesporta għall-aġġustamenti ta' l-ispejjeż SG u A tiegħu ma kinux aċċettati fejn l-oġġetti kienu diġà ġew notifikati jew rigward l-ispejjeż finanzjarji u d-dħul u ċerti piżijiet u taxxi, għax il-pretensjonijiet ma kinux konsistenti mat-tweġiba tal-kumpannija għall-kwestjonarju.

(65) L-istess produttur li jesporta afferma li ċerti merkanziji mogħtija lura u skonti tal-bejgħ kellhom ikunu mnaqqsa mil-lista tat-transazzjoni tal-bejgħ domestiku. Il-pretensjoni rigward il-merkanziji mogħtija lura ma kinitx aċċettata minħabba li r-rendikonti ma kellhomx x'jaqsmu mal-bejgħ fil-perjodu ta' l-investigazzjoni u l-kwantitajiet relatati ma kinux inklużi fil-lista. Il-pretensjoni li għandha x'taqsam ma' l-iskonti tal-bejgħ ma kinitx aċċettata għax għal ċerti skonti, ma kienx hemm konnessjoni diretta mal-bejgħ ikkunsidrata li setgħet tkun ippruvata qabel it-tkomplija taż-żjara tal-verifika waqt li għall-skonti oħra, l-ebda pretensjoni ma saret fit-tweġiba għall-kwestjonarju tal-produttur li jesporta. Madankollu, il-figura tal-bejgħ net użata biex tistabilixxi l-persentaġġ SG u A għall-perjodu ta' l-investigazzjoni kienet miżjuda biex tkun konsistenti.

(66) Żewġ produtturi li jesportaw sostnew li l-għanjiet tat-test tal-kummerċ kif soltu jsir, il-paragun tal-prezzijiet bin-nefqa tal-produzzjoni għandha ssir fuq bażi ta' kull tliet xhur. Huma indikaw li kemm il-prezzijiet tal-materja prima u kemm il-prezzijiet tal-bejgħ naqqsu b'mod sinifikanti matul il-perjodu ta' l-investigazzjoni u għalhekk, kien neċessarju li jsir it-test fuq bażi ta' tliet xhur biex ikun żgurat paragun xieraq. Dan l-aspett kien eżaminat u l-kalkulazzjoni kienet aġġustata fuq bażi ta' tliet xhur.

(67) Żewġ produtturi li jesportaw affermaw li l-infiq ta' l-assistenza teknika għandha tkun allokata fuq bażi ta' valur tal-bejgħ għall-għan biex ikunu ikkalkulati l-ispejjeż domestiċi SG u A biex ikunu nklużi fin-nefqa tal-produzzjoni. Dan l-argument kien aċċettat.

(68) Tliet produtturi li jesportaw sostnew li l-esklużjoni tal-profitti ta' l-iskambju barrani u t-telf mill-ispejjeż tagħhom SG u A fl-istadju provviżorju ma kienx ġustifikat. In ġenerali, il-profitti tar-rati tal-kambju u t-telf ma tawx kashom għax ir-rati tal-kambju użati mill-Kummissjoni kienu dawk applikabbli fuq id-data tal-fattura. Madankollu, sakemm huma żdiedu mix-xiri tal-materja prima, il-Kummissjoni aġġustat il-kalkulazzjonijiet tal-valur normali biex tieħu nota tal-profitti tal-kambju relevanti u t-telf. Wieħed minn

dawn il-produtturi li jesporta mbagħad afferma li l-kalkulazzjoni tal-profitt tal-kambju barrani nkluż fl-ispejjeż SG u A kellu jkun ibbażat fuq figuri verifikati. Madankollu, dan ma kienx aċċettat għax ma rċevew l-ebda figuri verifikati allegati sa tard fl-investigazzjoni meta ma kinux iżjed verifikabbli.

3.3.2. *Il-prezzijiet ta' l-esportazzjoni*

(69) L-ebda pretensjoni ma saret li tikkonċerna d-determinazzjoni tal-prezz ta' l-esportazzjoni. Il-konklużjonijiet dikjarati fir-Regolament tad-dazju provviżorju huma hawnhekk konfermati.

3.3.3. *Il-Paragun*

(70) Żewġ produtturi li jesportaw talbu paragun tal-prezz ta' l-esportazzjoni bil-valur normali fuq bażi ta' kull tliet xhur u wieħed fuq bażi ta' kull xahar. It-talba ġiet milqugħha għall-produtturi li jesportaw li talbu fuq bażi ta' kull tliet xhur u ma ġietx milqugħha għat-tielet produttur li jesporta li għalih l-ebda valur normali ta' min joqgħod fuqu ma kien determinat fuq bażi ta' kull xahar/kull tliet xhur.

(71) Wieħed produttur li jesporta sostna li għandha tingħata konċessjoni għat-trasport imħallas tal-merkanzija mogħtija lura. Madankollu, din il-pretensjoni ma ġietx aċċettata għax ma kinitx ikkunsidrata xierqa li tinkludi konċessjoni għannefqa tat-trasport intern tal-merkanzija għall-infiq tat-trasport tal-merkanzija mogħtija lura fejn il-bejgħ kien kollu jew parzjalment ikkanċellat.

(72) L-istess produttur li jesporta talab li għandha ssir konċessjoni għall-assistenza teknika, imma l-konċessjoni ma ġietx aċċettata għax l-assistenza teknika ma kinitx magħmula fuq bażi ta' obblikgazzjoni legali jew ta' kuntratt.

(73) Żewġ produtturi li jesportaw affermaw li l-livelli differenti tal-kummerċ eżistew għall-bejgħ ta' l-esportazzjoni u l-bejgħ domestiku tal-prodott konċernat. Dan ġie aċċettat, iżda minħabba li d-differenza eżistenti fil-livelli tal-kummerċ ma setgħetx tkun kwantifikata minħabba n-nuqqas tal-livelli relevanti fuq is-suq domestiku, aġġustament speċjali kien mogħti taħt l-Artikolu 2(10)(d)(ii) tar-Regolament bażiku.

(74) Żewġ produtturi li jesportaw affermaw li għandhom ikunu mogħtija aġġustament tal-konverżjoni tal-munita għax huma sostnew li ċ-ċaqliq tal-munita kien sinifikanti (iktar minn 10 %) u saret fuq perjodu ta' ħames xhur. Dan l-aġġustament ma kienx aċċettat għax kien ikkunsidrat li ċ-ċaqliq tal-munita kien iktar qed jinbidel milli jirrifletti ċaqliq sostenibbli.

3.3.4. Il-marġni tad-*dumping*

(75) Il-paragun tal-valur normali mwieżen bejn wieħed u ieħor u revedut, fejn hu xieraq, mal-prezz medju mwieżen ta' l-esportazzjoni permezz tat-tip ta' prodott fuq bażi ta' ex fabbrika wrew l-eżistenza tad-*dumping* għall-produtturi kollha li jesportaw investigati.

(76) Wara t-tibdiliet fil-kalkulazzjonijiet skond ir-riżultati nnotati hawn fuq, il-marġni tad-*dumping* ta' kumpannija waħda u grupp wieħed ta' kumpanniji kienu reveduti. Bħala konsegwenza, il-marġni tad-*dumping* għal kull kumpannija li ma tikkoperax, li hija mniżżla fil-livell ta' l-għola marġni tad-*dumping* stabbilit għall-kumpannija li tikkopera, ukoll kien revedut. Il-marġni definittivi tad-*dumping* bħala persentaġġ tal-prezz ta' l-importazzjoni cif tad-dazju mhux imħallas huma kif ġejjin:

— Indo Poly (Tajlandja) Ltd.	15,5 %
— Teijin Polyester (Tajlandja) Ltd.	26,9 %
— Teijin (Tajlandja) Ltd.	26,9 %
— Tuntex (Tajlandja) Public Co. Ltd.	27,7 %
— Produtturi ta' l-esportazzjoni li ma jikkoperawx	27,7 %.

4. L-INĠURJA

4.1. Il-proċeduri tal-kwistjonijiet

(77) Ir-RTG u wieħed produttur li jesporta fl-Indoneżja, afferma li s-summarji mhux konfidenzali tas-sottomissjonijiet magħmula minn xi produtturi tal-Komunità inklużi fid-definizzjoni ta' l-industrija tal-Komunità ma kinux kompluti jew dettaljati biżżejjed, biex tippermettilhom li effettivament jeserċitaw id-dritt li jiddefendu ruħhom. Għalhekk huma sostnew li n-nuqqas tal-Komunità kien li tagħti każ ta' din il-vjolazzjoni kostitwita tal-Ftehim Anti-*Dumping* tal-WTO (hawnhekk iżjed 'il quddiem WTO ADA) u l-Artikolu 19 tar-Regolament bażiku.

(78) Rigward din il-pretensjoni, għandu jiġi nnotat li dawn il-partijiet irċevew svelar sħiħ skond l-Artikolu 19(4) tar-Regolament bażiku. L-isvelar inkluda l-informazzjoni ġenerali u l-evidenza dettaljata fdata mill-Kummissjoni għar-riżultati tagħha. Barra dan, il-Kummissjoni tablet lill-produtturi tal-Komunità msemmija biex jissottomettu informazzjoni iżjed mhux konfidenzali. Din l-informazzjoni mhux konfidenzali kienet mogħtija mill-produtturi tal-Komunità konċernati, wara l-isvelar definittiv tal-Kummissjoni lill-partijiet interessati, li kellhom aċċess sħiħ għaliha, li konsegwentement tħallihom jeserċitaw id-dritt li jiddefendu ruħhom. F'kull ċirkostanza, anke jekk wieħed mill-produtturi tal-Komunità konċernati kienu eskluži mid-definizzjoni ta' l-industrija tal-Komunità, kif sostnew il-partijiet imsemmija hawn fuq, żvilupp bħal dan ma kienx se jaffettwa l-konklużjonijiet ta' kollox dwar is-sitwazzjoni ta' l-industrija tal-Komunità. Fil-fatt, kien stabbilit li din l-esklużjoni mhu se jkollha la impatt fuq it-tendenzi ta' l-indikaturi ekonomiċi li jappartjenu lill-industrija tal-Komunità, u lanqas fuq il-posizzjoni ta' l-industrija tal-Komunità, ladarba l-produzzjoni ta' dan il-produttur tal-Komunità kien żgħir meta komparat mal-produzzjoni totali tal-produtturi l-oħra ta' l-industrija tal-Komunità.

4.2. Id-definizzjoni ta' l-industrija tal-Komunità

(79) Ir-RTG u wieħed produttur Indoneżjan li jesporta sostna li l-volum tal-produzzjoni ta' l-industrija tal-Komunità kif indikat fil-premess 64 tar-Regolament tad-dazju provviżorju kien esaġerat. B'mod iktar speċifiku, huma

enfasizzaw li kien determinat li s-seba' produttur tal-Komunità li jikkoperaw inklużi fid-definizzjoni ta' l-industrija tal-Komunità rrappreżentaw madwar 85 % tal-produzzjoni totali tal-Komunità, waqt li l-ilment stqarr li d-disa' produttur li ilmentaw irrappreżentaw l-istess sehem tal-produzzjoni totali tal-Komunità.

(80) Barra minn hekk, sostnew li żewġ produtturi tal-Komunità li ilmentaw inklużi fid-definizzjoni ta' l-industrija tal-Komunità kienu relatati ma' produttur li jesporta f'pajjiż konċernat. Skond il-prattika konsistenti tal-Kummissjoni dawn iż-żewġ produtturi għandhom ikunu esklużi mill-industrija tal-Komunità.

(81) Sakemm ir-rappreżentanza ta' l-industrija tal-Komunità hija konċernata, għandha tkun innotata li, fuq naħa waħda, id-data li nstabet kopriet 10 xhur mill-1998. Din id-data kienet għalhekk estrapolata biex tkopri perjodu ta' tnax-il xahar. Fuq din il-bażi, id-disa' kumpanniji li ilmentaw irrappreżentaw fil-fatt madwar 89 % tal-produzzjoni tal-Komunità fl-1998. Min-naħa l-oħra, ibbażata fuq id-data li rċevew fiż-żmien ta' l-investigazzjoni preżenti u verifikata fuq il-livell tas-seba' produtturi tal-Komunità li jikkoperaw li jikkostitwixxu l-industrija tal-Komunità, l-investigazzjoni rrivelat li dawn irrappreżentaw madwar 85 % tal-produzzjoni totali tal-Komunità fl-1998. Konsegwentement, is-sehem tal-produzzjoni totali tal-Komunità rrappreżentat mill-industrija tal-Komunità imsemmi fil-premess 64 tar-Regolament tad-dazju provviżorju huwa hawnhekk ikkonfermat.

(82) Għandu jkun enfasizzat li d-disposizzjonijiet ta' l-Artikolu 4(1)(a) tar-Regolament bażiku ma jsejħux għal esklużjoni awtomatika tal-produtturi tal-Komunità mill-industrija tal-Komunità meta huma relatati mal-produtturi li jesportaw konċernati. Dan l-Artikolu jistqarr li t-terminu "l-industrija tal-Komunità" jista' jkun interpretat li qed jirreferi għall-kumplament tal-produtturi, meta ssib li ċerti produtturi huma relatati ma' dawk li jesportaw. Is-sitwazzjoni għalhekk għandha tkun eżaminata fuq il-bażi ta' kull każ għalih fid-dawl ta' l-Artikolu 4(2) tar-Regolament bażiku. Fil-fatt, il-produtturi tal-Komunità relatati ma' dawk li jesportaw għandhom ikunu esklużi mid-definizzjoni tal-produzzjoni tal-Komunità, jekk din ir-relazzjoni twassal lill-produttur konċernat biex iġib ruħu differenti mill-produtturi l-oħra.

(83) Fid-dawl tal-konsiderazzjoni msemmija hawn fuq, l-investigazzjoni wriet li ż-żewġ produtturi tal-Komunità msemmija ma ġabux ruħhom differenti mill-produtturi l-oħra li ma kinux relatati mal-produtturi li jesportaw konċernati. Huma appoġġjaw totalment l-ilment li wassal għall-inizjattiva tal-proċedura preżenti u pparteċipaw b'mod attiv fl-investigazzjoni. Barra minn hekk, matul il-verifikazzjoni ta' fuq il-post u bbażata fuq l-evidenza disponibbli, ma nstabx li jeżistu restrizzjonijiet statutarji jew organizzattivi imposti mill-azzjonisti fil-pajjiż konċernat fir-relazzjoni ma' l-operazzjoni u d-deċiżjonijiet tal-kummerċ taż-żewġ kumpanniji msemmija. Finalment, ir-RTG u l-produttur li jesporta msemmija hawn fuq ma provdewx provi ta' dan it-trażżin tal-kontroll. Konsegwentement, kien konfermat li ż-żewġ produtturi tal-Komunità ma għandhomx jiġu esklużi mid-definizzjoni tal-produzzjoni tal-Komunità u għalhekk lanqas mill-industrija tal-Komunità. Ladarba ma ntlaqgħux iktar kummenti rigward id-definizzjoni ta' l-industrija tal-Komunità, il-konklużjonijiet tal-premess 64 tar-Regolament tad-dazju provviżorju huma hawnhekk ikkonfermati.

4.3. **Il-perjodu ta' l-analiżi l-inġurja**

(84) Il-GOI affermat li biex tikseb stima li tiswa tat-tendenzi li fuqhom id-determinazzjonijiet ta' l-inġurja huma bbażati, l-informazzjoni relatata ma' l-indikaturi eżaminati għandhom ikunu stabbiliti fuq il-bażi ta' perjodi ta' 12-il xahar mill-1996 lil hawn bi dritt l-IP.

(85) Għandu jkun innotat li l-IP tkopri dawn l-aħħar disa' xhur ta' l-1998 u l-ewwel tliet xhur ta' l-1999. L-eżami ta' l-indikaturi għas-snin kalendarji ta' l-1996 u l-1998 jkopru wkoll tliet kwarti ta' l-IP. Il-paragun ta' l-1998 u l-figuri ta' l-IP għalhekk, juri sempliċiment l-impatt ta' l-ewwel tliet xhur ta' l-1999 fuq dawn l-indikaturi u ma jistax ikun ikkunsidarat li qed jinvalida l-eżami tat-tendenzi stabbiliti fuq il-bażi ta' dawn l-indikaturi. Din il-pretensjoni għalhekk ma kinitx aċċettata.

(86) Il-GOI barra dan sostniet li l-perjodu ta' l-istima ta' l-inġurja, li kopriet mill-1996 sa' l-IP, kienet differenti mill-perjodu fejn id-*dumping* kien stmat, jiġifieri l-IP. Minħabba li ż-żewġ perjodi ma ltaqħux, il-konklużjonijiet ta' l-inġurja ġew ikkunsidrati mill-GOI bħala legalment bla difetti. Barra minn hekk kien enfasizzat li jekk il-bażi ta' l-istima ta' l-inġurja kienet issettjata fl-1998, it-tendenzi ta' l-indikaturi kollha jkunu differenti b'mod sinifanti.

(87) L-għan ta' l-investigazzjoni ta' l-inġurja huwa biex ikun evalwat l-effett ta' l-importazzjoni tad-*dumping* fuq is-sitwazzjoni ekonomika ta' l-industrija tal-Komunità matul l-IP. Dan jinvolvi riżultat ta' inġurja matul l-IP. Biex tagħmel din l-analiżi, it-tendenzi huma stabbiliti għal numru ta' indikaturi fuq il-bażi ta' l-informazzjoni relatati ma' numru ta' snin qabel l-IP. Għalhekk, paragun ta' l-indikaturi bejn l-IP u sena speċifika minn ta' qabel, kif issuġġeriet il-GOI, ma taffettwax ir-riżultati ta' l-analiżi maħruġa minn dak iż-żmien. Fil-fatt, huma t-tendenzi ta' l-indikaturi li huma eżaminati fuq numru ta' snin sa l-IP u mhux il-paragun assolut tal-figuri ta' l-IP b'xi sena partikolari li tiġi qabilha, li huma relevanti biex tintlaħaq konklużjoni fuq l-inġurja.

4.4. **Il-konsum fil-Komunità**

(88) Żewġ produtturi li jesportaw sostnew li l-konsum fil-Komunità kif dikjarat fil-premess 65 tar-Regolament tad-dazju provviżorju huwa inkorrett b'mod sinifikanti. B'mod partikolari, huma sostnew li l-produzzjoni, il-bejgħ u l-figuri ta' l-i*stock* ta' l-industrija tal-Komunità ma setgħux ikunu rikonċiljati. Barra minn hekk, huma affermaw li l-Kummissjoni ma svelatx fuq liema bażi kienu stmati d-determinazzjonijiet li jikkonċernaw il-bejgħ tal-produtturi tal-Komunità li ma jikkoperawx.

(89) Rigward ir-rikonċiljazzjoni tal-figuri tal-konsum, għandu jkun innotat li wieħed produttur tal-Komunità relatat ma' kumpannija li tappartjeni lill-industija tal-Komunità għal-qet għal kollox qabel l-IP. Għalhekk, l-ebda informazzjoni li tista' toqgħod fuqha fuq il-produzzjoni tagħha u l-kapaċità tal-produzzjoni ma tista' tinkiseb minn din il-kumpannija. Safejn il-bejgħ u l-informazzjoni ta' l-i*stock* huma konċernati, din il-kumpannija għamlet il-bejgħ tagħha esklussivament permezz tal-kumpannija relatata li tippartjeni lill-industrija tal-Komunità. Għalhekk, informazzjoni li tista' toqgħod fuqha relatata mal-bejgħ u ma' l-i*stock*s kienet miksuba mill-kumpannija li ssemmiet l-aħħar li tkopri l-perjodu kollu kkunsidrat u d-data kienu rikonċiljati b'mod xieraq.

(90) Finalment, il-Kummissjoni stmat il-volum tal-bejgħ tal-produtturi tal-Komunità li ma jikkoperawx fir-Regolament tad-dazju provviżorju fuq il-bażi tal-fatti disponibbli. Għal wieħed produttur li ma jikkoperax il-figuri nklużi fit-tweġiba parzjali tiegħu għall-kwestjonarju tal-Kummissjoni ġew użati, waqt li għall-oħrajn intużaw il-figuri indikati fl-ilment.

(91) Fid-dawl ta' l-ispjegazzjonijiet ta' hawn fuq, il-figuri tal-konsum indikati fil-premess 65 tar-Regolament tad-dazju provviżorju huma kkonfermati.

4.5. **L-importazzjoni tal-PSF fil-Komunità mill-pajjiżi konċernati**

4.5.1. *Stima kumulattiva ta' l-importazzjoni*

(92) Ftit produtturi li jesportaw sostnew li l-importazzjoni tal-PSF mit-Tajlandja ma għandhomx ikunu stmati b'mod kumulattiv ma' l-importazzjoni mill-Awstralja u l-Indoneżja għax huma jirrappreżentaw inqas minn 1 % tal-konsum ta' l-1996 u l-1997.

(93) Fil-kuntest tal-kumulazzjoni, huwa kkunsidrat li l-istima ta' jekk l-importazzjoni mill-pajjiż konċernat mill-investigazzjoni ta' kontra d-*dumping* hix negliġibbli għandha tkun magħmula esklussivament mill-IP. Fil-fatt, il-marġni tad-*dumping*, kif ukoll l-eżistenza ta' l-inġurja kienu stabbiliti matul l-IP. Minħabba li l-importazzjoni mit-Tajlandja kienu 'l fuq mil-livelli negliġibbli matul dan il-perjodu, il-pretensjoni msemmija hawn fuq ma ġietx aċċettata.

4.5.2. *It-Tnaqqis tal-prezz*

(94) Ftit produtturi li jesportaw affermaw li l-Kummissjoni ma tatx każ tad-differenzi fil-kwalità tat-tipi ta' PSF biex tiddetermina t-tnaqqis tal-pressli wassal għar-riżultati inkorretti. Fl-opinjoni tagħhom, il-paragun tal-prezz għandu jsir separatament għall-ogħla u l-inqas prodott ta' kwalità, kif ukoll għat-tipi ta' PSF reċiklati. Huma affermaw ukoll li kellu jingħata aġġustament tal-livel tal-kummerċ, minħabba li l-bejgħ tagħhom kien destinat l-iktar għall-bejjiegħa bl-ingrossa u għad-distributturi waqt li l-industrija tal-Komunità biegħet PSF l-iktar lill-konsumaturi.

(95) Wara dawn il-pretensjonijiet, il-prezzijiet kienu komparati separatament għall-inqas kwalità u PSF reċiklat u kien ikkunsidrat li għandu jingħata aġġustament tal-livell tad-differenzi tal-kummerċ lill-produtturi kollha li jesportaw inklużi dawk li kienu qed ibiegħu biss lill-bejjiegħa bl-ingrossa u lid-distributturi. Ir-riżultati ta' dan il-paragun tal-prezz wera marġni ftit ogħla tat-tnaqqis tal-prezz minn dawk stabbiliti fl-istadju provviżorju għall-Awstralja u ftit iktar baxxi għall-Indoneżja u t-Tajlandja. Ir-riżultati tal-kalkulazzjonijiet tat-tnaqqis tal-prezz revedut espressi fil-valur tal-bejgħ ta' l-industrija tal-Komunità, meta tikkonsidra ż-żewġ pretensjonijiet imsemmija hawn fuq, varjaw bejn 24,9 % u 46,8 % għall-pajjiżi konċernati u bejn 17,7 % u 61 % għall-kumpanniji individwali.

4.6. **Is-sitwazzjoni ekonomika ta' l-industrija tal-Komunità**

4.6.1. *Ġenerali*

(96) Ir-RTG u wieħed produttur li jesporta affermaw li, skond l-interpretazzjoni tal-WTO ADA, l-eżami tas-sitwazzjoni ekonomika ta' l-industrija tal-Komunità titlob evalwazzjoni tal-fatturi kollha ekonomiċi relevanti u indiċi li għandhom effett fuq l-istat ta' dik l-industrija, li tinkludi fatturi bħal produttività, rendikont fuq l-investimenti, il-grad tal-kobor tal-marġni attwali tad-*dumping*, l-effetti negattivi fuq id-dħul u l-ħruġ tal-flus, il-pagi u l-iżvilupp.

(97) Barra minn hekk, huma kkontestaw il-preċiżjoni tad-data provduta fir-Regolament tad-dazju provviżorju għal ċerti fatturi ta' l-inġurja. Fl-opinjoni tagħhom, għalkemm is-seba' produtturi tal-Komunità li jikkostitwixxu l-industrija tal-Komunità fl-investigazzjoni preżenti kienu l-istess fil-proċedura ta' qabel, id-data provduta għal ċerti fatturi ta' l-inġurja kienet differenti. Għalhekk huma talbu l-isvelar ta' l-ismijiet tal-kumpanniji li pparteċipaw fil-proċedura ta' qabel.

(98) Għandu jiġi mfakkar f'dan ir-rigward li l-Artikolu 3(5) tar-Regolament bażiku jagħti lista ta' numru ta' fatturi u indikaturi ekonomiċi u l-Kummissjoni ġabret l-informazzjoni li għenitha biex tikkonsidra l-fatturi u l-indiċi kollha li kienu deċiżivi għal analiżi importanti ta' l-istat ta' l-industrija tal-Komunità. Jidher li l-pretensjoni li l-analiżi tal-Kummissjoni ma kinitx kompluta mhix valida.

(99) Huwa konfermat li is-seba' produtturi tal-Komunità li kkostitwew l-industrija tal-Komunità fil-proċedura ta' qabel ma kinux l-istess fil-proċedura ta' issa. Madankollu, it-talba għall-isvelar ma setgħetx tkun aċċettata minħabba li r-RTG u l-produttur li jesporta msemmija ma kinux partijiet interessati fil-proċedura ta' qabel.

4.6.2. *Il-produzzjoni, il-kapaċità u l-utilità tal-kapaċità*

(100) Il-Gvern ta' l-Awstralja (iktar 'il quddiem "GOA") ikkontesta l-metodu użat mill-Kummissjoni biex tagħmel stima tal-kapaċità tal-produzzjoni ta' l-industrija tal-Komunità għall-prodott ikkonċernat. Fl-opinjoni tiegħu, it-tnaqqis fil-kapaċità tal-produzzjoni ta' 7 % kien determinat fir-rigward tal-kapaċità użata għall-produzzjoni ta' prodotti oħra u għalhekk kien inkorret. Il-GOA ikkonsidra li l-kapaċità tal-produzzjoni tal-PSF kellu jkun stmat esklussivament fuq il-produzzjoni attwali tal-PSF kopert mill-investigazzjoni.

(101) F'kull ċirkostanza, il-GOA ikkonsidra li t-tnaqqis fil-kapaċità tal-produzzjoni ta' l-industrija tal-Komunità ma kienx kompatibbli mar-riżultat ta' l-inġurja tal-materjal: l-ewwel nett għax dan it-tnaqqis ma ħalliex lill-industrija tal-Komunità tipparteċipa fl-iżvilupp konsiderevoli tas-suq (+ 27 %) matul il-perjodu kkunsidrat; u t-tieni nett, għax it-tnaqqis fil-kapaċità kien motivat bil-fatt li l-produzzjoni kienet orjentata għal iktar prodotti ta' profitt iktar mill-PSF.

(102) Rigward l-istima tal-kapaċità tal-produzzjoni, għandha tingħata importanza li l-prodott konċernat huwa magħmul fuq l-istess linji ta' produzzjoni bħal prodotti oħra ta' l-istess ġeneru. Huwa għalhekk impossibli u bla sens biex tidentifika direttament il-kapaċità attwali esklussivament installata għal prodott wieħed kif imqabbla ma' prodotti oħra fuq l-istess linji ta' produzzjoni. Fil-fatt, l-istima tal-kapaċità tal-produzzjoni tal-PSF kienet ibbażata fuq proporzjon li tqabbel il-produzzjoni attwali tal-PSF mal-produzzjoni totali tal-prodotti kollha magħmula fuq l-istess linji ta' produzzjoni. Konsegwentement, għall-kuntrarju tal-pretensjoni magħmula mill-GOA, l-istima tal-kapaċità tal-produzzjoni għall-PSF tagħti każ tal-produzzjoni attwali tal-PSF.

(103) Barra minn hekk, għandu jkun innotat li l-bidla mill-produzzjoni tal-PSF għall-produzzjoni tal-prodotti l-oħra kienet motivata l-iktar bit-telf ta' żmien twil magħmul mill-industrija tal-Komunità fuq il-produzzjoni u l-bejgħ tal-PSF li kompla jiffaċċja kompetizzjoni li mhix ġusta minn importazzjoni tad-*dumping* u dik sussidjata minn pajjiżi terzi. It-tnaqqis fil-kapaċità hija għalhekk b'mod partikolari relevanti għad-determinazzjoni ta' l-inġurja imma b'mod iktar speċifiku għall-analiżi tal-konnessjoni każwali bejn l-importazzjoni tad-*dumping* u l-inġurja li batiet l-industrija tal-Komunità li hi diskussa hawn taħt.

(104) Fuq dan il-bażi, huwa kkonsidrat li l-pretensjonijiet tal-GOA huma bla bażi. Għalhekk, id-data provduta, il-metodu deskritt għall-istima tal-kapaċità tal-produzzjoni tal-PSF u l-konklużjonijiet li jinsabu fil-premessi 72 sa 74 tar-Regolament tad-dazju provviżorju huma hawnhekk ikkonfermati.

4.6.3. *Il-prezzijiet tal-bejgħ ta' l-industrija tal-Komunità*

(105) Wara analiżi iktar dettaljata tal-prezzijiet tal-bejgħ ta' l-industrija tal-Komunità, il-Kummissjoni sabet li l-figuri indikati fit-tabella tal-premess 76 tar-Regolament tad-dazju provviżorju għandu jkun ftit revedut kif ġej:

Il-prezz medju tal-bejgħ	1996	1997	1998	IP
L-industrija tal-Komunità -Indiċi (1996-100)	100	92	92	88

(106) Ftit produtturi li jesportaw sostnew li t-tnaqqis imsemmi hawn fuq fil-prezzijiet tal-bejgħ ta' l-industrija tal-Komunità għandu jidher fid-dawl tat-tnaqqis sinifikanti fil-prezz tax-xiri tal-materja prima b'mod partikolari matul IP. Għalhekk, it-tnaqqis fil-prezz tal-bejgħ ma jikkostitwix indikatur validu ta' l-inġurja fil-każ preżenti.

(107) F'dan ir-rigward, għandu jkun kjarifikat li fil-premess 79 tar-Regolament tad-dazju provviżorju t-tnaqqis ta' 31 % fil-prezz tal-manifattura għandu fil-fatt jinqara tnaqqis ta' 31 % fuq il-prezz tal-materja prima. Il-Kummissjoni għamlet analiżi fuq l-impatt tat-tnaqqis ta' l-ispejjeż/ta' kemm tiswa l-materja prima fuq il-prezzijiet tal-bejgħ L-analiżi wriet li għall-industrija kollha tal-Komunità t-tnaqqis tal-prezz tal-materja prima msemmi hawn fuq jirrapreżenta madwar 23 % tan-nefqa totali tal-produzzjoni, jew 21 % tal-prezz tal-bejgħ bejn l-1996 u l-IP. Fuq din il-bażi, il-prospett magħmul fil-premess 79 tar-Regolament tad-dazju provviżorju li n-nefqa tal-produzzjoni kienet imnaqqsa iktar malajr mill-prezzijiet tal-bejgħ huwa hawnhekk ikkonfermat. Din is-sitwazzjoni fil-fatt ippermettiet biex il-profitt jiżdied b'10,7 punti fil-mija f'termini assoluti matul il-perjodu kkunsidrat (minn - 4 % fl-1996 sa 6,7 % fl-IP).

(108) Madankollu, huwa kkunsidrat li l-evoluzzjoni tal-prezz tal-bejgħ ta' l-industrija tal-Komunità għandha tidher fid-dawl ta' l-evoluzzjoni tal-prezz tal-pajjiżi konċernati. Fil-fatt, kif intqal fil-premess 69 tar-Regolament tad-dazju provviżorju għandu jkun imfakkar li wara l-PSF impurtat minn dawn il-pajjiżi konċernati kien hemm tendenza tat-tnaqqis kontinwu matul il-perjodu kkunsidrat. It-tnaqqis kien għoli daqs 22 % matul dak il-perjodu. Jekk l-industrija tal-Komunità kellha ssegwi din it-tendenza kienet tagħmel it-telf xorta waħda fl-istess livell ta' l-1996.

(109) Finalment, meta wieħed janalizza l-prezzijiet ta' l-industrija tal-Komunità fis-suq tal-Komunità, wieħed għandu jiftakar li l-industrija tal-Komunità ma laħqitx il-livell minimu tal-profit ta' 10 % matul l-IP. Taħt dawn iċ-ċirkostanzi, huwa kkunsidrat li l-prezzijiet tal-bejgħ ta' l-industrija tal-Komunità jikkostitwixxu indikatur ta' inġurja relevanti minħabba li kellha effett fuq l-istat ta' l-industrija.

4.6.4. *Il-profitt ta' l-industrija tal-Komunità*

(110) Il-GOA afferma li fl-assenza tad-data relatata mal-profitt ta' l-industrija tal-Komunità qabel l-apparenza ta' l-importazzjoni tad-*dumping*, ma setgħetx issir stima sew biex ikun jaf jekk l-inġurja li soffriet il-Komunità kinitx materjali.

(111) Ftit produtturi li jesportaw affermaw li t-titjib tal-profitt ta' l-industrija tal-Komunità ma weriex inġurja. Fil-fatt, il-profitt tjieb b'mod sinifikanti matul il-perjodu kkunsidrat, jiġifieri minn telf ta' madwar 4 % sa profit ta' iktar minn 6 %. Huma komplew isostnu li l-profitt miksub fuq kollox mill-industrija tal-Komunità fl-IP ma setax jiżdied iktar bit-taħlita tal-prodott kurrenti ta' komoditajiet u speċjalitajiet, sakemm ma jsirux iktar tipi speċjali ta' PSF u jinbiegħu mill-industrija tal-Komunità.

(112) L-investigazzjoni preżenti wriet li t-titjib tagħha fil-profitt kien l-iktar ir-riżultat kemm tal-proċess ristrutturali li sar mill-inudstrija tal-Komunità u kemm tat-tnaqqis li rriżulta mill-bejgħ, spejjeż ġenerali u amministrattivi u t-tnaqqis mill-prezzijiet tax-xiri tal-materja prima. L-ispejjeż tal-produzzjoni tnaqqsu malajr iktar mir-roħs tal-prezzijiet tal-bejgħ, b'hekk ippermettew lill-industrija tal-Komunità biex tirritorna għall-profitt fl-1998. Madankollu, huwa enfasizzat li dan it-titjib fil-profitt jista' jkun biss temporanju u kull fattur avvers, b'mod partikolari żviluppi possibli li mhumiex favorevoli fil-prezzijiet tal-materja prima, seta' kellhom implikazzjonijiet negattivi fuq il-profitt kurrenti. Dan il-prospett kien rinfurzat bil-fatt li l-materja prima prinċipali fl-industrija tal-PSF hija l-iktar influenzata mill-prezz taż-żejt mhux raffinat.

(113) Għandu jkun innotat ukoll li titjib fil-profitt matul il-perjodu kkunsidrat ma jwassalx awtomatikament għall-konklużjoni li l-industrija tal-Komunità ma soffrietx inġurja materjali. L-istima ta' jekk l-inġurja li soffriet l-industrija tal-Komunità kinitx materjali ma tistax tkun ibbażata biss fuq il-profitt u lanqas tista' tkun ibbażata fuq il-paragun tal-profitt bejn l-1996 u l-IP. Fil-fatt, id-disposizzjonijiet tar-Regolament bażiku elenkaw numru ta' fatturi li fosthom il-volum ta' l-importazzjoni tad-*dumping* u l-effett tagħha fuq il-prezzijiet fis-suq tal-Komunità għall-prodotti li jixxiehbu u li tispeċifika wieħed jew iżjed minn dawn il-fatturi tista' neċessarjament tagħti gwida deċisiva għal riżultat negattiv fuq inġurja.

(114) Kif indikat fil-premessi 82 sa 85 tar-Regolament tad-dazju provviżorju rigward il-konklużjonijiet fuq is-sitwazzjoni ekonomika ta' l-industrija tal-Komunità, miksuba b'mod profittabbli mill-industrija ma kienx ikkunsidrat bħala indikatur prinċipali ta' l-inġurja li soffriet l-industrija tal-Komunità. Fil-fatt, żviluppi negattivi kienu osservati għal ħafna mill-indikatur ekonomiċi relatati ma' l-industrija: is-sehem tas-suq, il-kapaċità tal-produzzjoni, il-volum tal-bejgħ, il-prezzijiet tal-bejgħ, il-ħażniet, l-investimenti, ix-xogħol u t-tnaqqis sinifikanti tal-prezz mill-importazzjoni tad-*dumping* mill-pajjiżi konċernati.

(115) Ibbażat fuq dak ta' qabel, ladarba ma ntlaqgħux iktar kummenti rigward il-profitt ta' l-industrija tal-Komunità, il-konklużjoni li l-profitt matul l-IP huwa inadegwat huwa hawnhekk ikkonfermat.

4.6.5. *Is-sehem tas-suq*

(116) Għandu jkun imfakkar li kif issemma fil-premess 77 tar-Regolament tad-dazju provviżorju, is-sehem tas-suq miżmum mill-industrija tal-Komunità naqas b'mod sinifikanti minn 68 % sa 50,3 % tas-suq totali Komunità mill-1996 sa l-IP.

(117) Ftit produtturi li jesportaw sostnew li t-telf ta' l-industrija tal-Komunità fis-sehem tas-suq irid jidher fid-dawl ta' l-iżvantaġġ ta' l-ispiża li qed isoffri meta mqabbla mal-pajjiżi konċernati. Fl-opinjoni tagħhom, wieħed ma jistax jippretendi li l-industrija tista' żżomm is-sehem tas-suq tagħha ladarba l-ispejjeż tal-produzzjoni tagħha huma ogħla b'mod sinifikanti iktar minn dawk ta' produtturi li jesportaw konċernati.

(118) Dan l-argument ma kienx ikkunsidrat relevanti fil-kuntest ta' l-investigazzjoni ta' kontra d-*dumping*. F'investigazzjoni bħal din, għandu jkun stabbilit jekk l-importazzjoni hix iddumpjata u b'hekk tikkawża inġurja lill-industrija tal-Komunità, minħabba li dan kien stabbilit fil-każ preżenti. Waqt li qed jintqal dan, produtturi li jesportaw jistgħu jirriflettu totalment il-vantaġġi ta' l-ispiża li jista' jkollhom fil-prezzijiet tal-bejgħ tagħhom, sakemm dan isir kemm fis-suq domestiku kif ukoll fis-suq ta' l-esportazzjoni.

4.6.6. *Il-konklużjoni*

(119) Ibbażat fuq dak ta' qabel, huwa kkunsidrat li l-argumenti msemmija hawn fuq u l-pretensjonijiet mhumiex biex ibiddlu r-riżultati li nstabu fir-Regolament tad-dazju provviżorju. Konsegwentement, il-kontenut tal-premessi 82 sa 85 tar-Regolament tad-dazju provviżorju u l-konklużjoni li l-industrija tal-Komunità soffriet inġurja materjali matul l-IP huwa hawnhekk ikkonfermat.

5. IL-KAWŻALITÀ

5.1. L-effett ta' l-importazzjoni tad-*dumping*

(120) Il-GOA afferma li ma hemmx evidenza li l-inġurja li soffriet l-industrija tal-Komunità kienet ikkawżata mill-volumi limitati impurtati mill-Awstralja. Il-GOA afferma li s-sehem tas-suq ta' l-importazzjoni ta' l-Awstralja kien limitat wisq (2 % tal-konsum) biex ikollu influenza fuq il-prezzijiet fis-suq tal-Komunità. Proprjament, kellhom isegwu t-tendenzi tal-prezz imposti mill-operaturi l-kbar fuq is-suq tal-Komunità. Għalhekk, il-GOA ssuġerixxa li l-inġurja, jekk kien hemm, kienet ikkawżata minn importazzjoni kbar mill-pajjiżi terzi.

(121) Bl-istess mod, ir-RTG affermat li billi l-importazzjoni mit-Tajlandja kienet negliġibbli fl-1996 u fl-1997, ma setgħetx ħolqot inġurja lill-industrija tal-Komunità u għalhekk l-analiżi ta' l-impatt ta' din l-importazzjoni għandha tibda mill-1998.

(122) Ir-RTG u wieħed produttur Indoneżjan li jesporta sostnew li fid-dehra tad-data ppubblikata fir-Regolament tad-dazju provviżorju l-konklużjoni milħuqa mill-Kummissjoni li l-industrija tal-Komunità iddgħajfet kienet żbaljata. Dan il-prospett kien ibbażat b'mod partikolari fuq it-titjib tal-profit ta' l-industrija tal-Komunità matul l-IP. Kien ibbażat ukoll fuq l-analiżi tas-sehem tas-suq u l-indikaturi tal-bejgħ li jappartjenu kemm għall-investigazzjoni kurrenti kif ukoll għall-indikaturi korrispondenti ta' l-1996 mir-reviżjoni ta' l-għeluq li tikkonċerna PSF mit-Tajwan u l-Korea, kif pruvat mir-Regolament (KE) Nru 1728/1999 [1].

(123) L-istess partijiet affermaw ukoll li xi produtturi inklużi fid-definizzjoni ta' l-industrija tal-Komunità kkonċentraw fuq il-produzzjoni ta' prodotti ta' speċjalità ta' profitt għoli. Għalhekk, ma setax ikun konkluż li l-industrija tal-Komunità kienet vulnerabbli b'mod partikolari għall-importazzjoni Indoneżjana li l-biċċa l-kbira tagħha hija PSF regolari. Fl-opinjoni tagħhom, il-profitti l-iktar għolja miksuba fuq fibri speċjali indikaw li l-industrija tal-Komunità hija ġeneralment protetta mill-effetti ta' l-importazzjoni.

(124) Rigward l-argumenti mqajma mill-GOA fuq is-sehem tas-suq tiegħu, huwa mfakkar li l-importazzjoni mill-Awstralja kienet instabet li hija 'l fuq mil-livell minimu matul l-IP. Barra minn hekk, instab li l-kondizzjoni kollha meħtieġa għal analiżi kumulattiva kienu milħuqa. F'dawn iċ-ċirkostanzi, kummenti li jikkonċernaw l-ishma tas-suq individwali miżmuma mill-pajjiżi individwali matul l-IP fis-snin ta' qabel l-IP ma kinux ikkunsidrati relevanti. L-istess rimarka kienet applikata għall-istess argument imqajjem mir-RTG.

(125) Barra dan, għandu jkun imfakkar li l-prezzijiet tal-PSF impurtat iddumpjat mill-pajjiżi kollha konċernati kienu qed inaqqsu l-prezzijiet ta' l-industrija tal-Komunità fuq is-suq tal-Komunità u b'hekk ħallew impatt negattiv sinifikanti fuq is-sitwazzjoni ekonomika ta' l-industrija tal-Komunità. Dan ir-riżultat huwa rinforzat bil-fatt li s-suq tal-PSF huwa trasparenti u li, għalhekk, differenzi fil-prezzijiet jew offerti bi prezz baxx jistgħu jħallu effett deprimenti fuq il-prezz.

(126) Huwa kkunsidrat ukoll li l-GOA ma pprovda l-ebda evidenza li tista' tikkontradixxi r-rizultat provviżorju li l-industrija tal-Komunità soffriet inġurja materjali bħala riżultat ta' l-importazzjoni tad-*dumping* bi prezz irħis. Għalhekk, il-konklużjoni li l-importazzjoni tad-*dumping*, meħudha waħedha, ikkawżat inġurja materjali lill-industrija tal-Komunità hija hawnhekk ikkonfermata.

(127) L-iżvilupp tal-profitt ta' l-industrija tal-Komunità kien analizzat b'mod estensiv fil-premess 79 tar-Regolament tad-dazju provviżorju u iktar informazzjoni ġiet mogħtija fit-taqsima 4.6.4. hawn fuq. F'dan ir-rigward, għandu jkun innotat li l-prospett li l-industrija tal-Komunità qed tikkonċentra fuq tipi ta' PSF ta' valur għoli mhuwiex korrett. Fil-fatt, matul l-IP, il-bejgħ ta' l-industrija tal-Komunità ta' dawk li jgħidulhom tipi ta' PSF ta' kumdità, li huma impurtati mill-pajjiżi konċernati, irrappreżentaw iktar minn 72 % tal-bejgħ totali tagħha. Dan ir-riżultat għalhekk iwassal biex jikkonferma l-konklużjoni li l-industrija tal-Komunità kollha hija affettwata mill-importazzjoni tad-*dumping* ta' prezz baxx.

(128) Rigward il-validità tad-data ta' l-1996 meħuda mir-reviżjoni ta' l-għeluq li tikkonċerna PSF mit-Tajwan u l-Korea, kif spjegat fil-premess 99, il-produtturi tal-Komunità li kkostitwew l-industrija tal-Komunità fir-reviżjoni ta' l-għeluq ma kinux l-istess bħal dawk li kkostitwew l-industrija tal-Komunità fil-proċedura preżenti. Konsegwentement, hija impossibli li tistabilixxi tendenza koerenti u li tista' toqgħod fuqha fuq il-bażi ta' l-indikaturi ekonomiċi rrapurtati għall-1996 f'din ir-reviżjoni ta' l-għeluq u fuq il-figuri għas-snin sussegwenti rrapurtati fil-proċedura preżenti. Approċċ bħal dan iwassal għal riżultati żbaljati u bla sens.

5.2. Fatturi oħra

5.2.1. *Tibdil tal-munita*

(129) Il-GOA sostna li l-Kummissjoni falliet li tħares lejn l-effett li jħalli t-tibdil fir-rati tal-kambju fuq il-prezzijiet ta' l-importazzjoni mill-Awstralja, u speċifika li matul il-perjodu ta' l-investigazzjoni l-PSF impurtat mill-Awstralja bbenefika minn apprezzament tar-rata tal-kambju favorevoli.

[1] ĠU L 204, 04.08.99, p. 3.

(130) F'dan ir-rigward għandu jkun innotat li l-importazzjoni minn dan il-pajjiż kienet invojsjata f'USD, f'DEM u f'GBP u mhux f'AUD fuq is-suq tal-Komunità. Il-parità tal-munita Awstraljana ma kinitx għalhekk relevanti fid-determinazzjonijiet li saru.

(131) F'kull ċirkostanza, għandu jkun innotat li l-munita Awstraljana tnaqqset fil-valur fl-ewwel seba' xhur ta' l-IP u sussegwentement għoliet matul il-ħames xhur ta' wara ta' l-IP, kif imqabbel mal-parità tagħha ma' ECU/EUR ta' l-ewwel xahar ta' l-IP. Konsegwentement, ma kienx hemm tendenza ta' tnaqqis kontinwu tal-munita Awstraljana matul l-IP.

5.2.2. **Prezzijiet tal-materja prima fil-pajjiżi li jesportaw**

(132) Ir-RTG sostniet ukoll li għad-determinazzjoni ta' l-impatt tal-prezzijiet ta' l-importazzjoni mit-Tajlandja fuq l-industrija tal-Komunità l-Kummissjoni kellha tikkunsidra t-tnaqqis f'daqqa tal-prezzijiet tal-materja prima fit-Tajlandja.

(133) Huwa kkunsidrat li l-argument imsemmi hawn fuq huwa relevanti għall-analiżi tal-kawża ta' l-inġurja lill-industrija tal-Komunità. Fil-fatt, l-ispiża tal-fatturi tal-produzzjoni f'kull pajjiż li jesporta huwa relevanti biss għad-determinazzjonijiet tad-*dumping*. Il-parametru importanti għall-inġurja u l-konsiderazzjonijiet tal-kawżalità huwa l-prezz li biegħ l-prodott impurtat ikkonċernat huwa mibjugħ fis-suq tal-Komunità.

5.3. **Il-konklużjoni**

(134) Ladarba ma ntlaqgħux iktar argumenti ġodda rigward il-kawża ta' l-inġurja li soffriet l-industrija tal-Komunità, il-konklużjoni ta' l-importazzjoni tad-*dumping*, meħudha waħedha, ikkawżat inġurja lill-industrija tal-Komunità, kif dikjarat fil-premess 99 tar-Regolament tad-dazju provviżorju, huwa hawnhekk ikkonfermat.

6. **L-INTERESS TAL-KOMUNITÀ**

6.1. **L-interess ta' l-industrija tal-Komunità**

(135) Ladarba ma ntlaqgħux kummenti rigward il-kwistjonijiet imsemmija hawn fuq, ir-riżultati ta' l-interess ta' l-industrija tal-Komunità ikkwotati fil-premess 101 tar-Regolament tad-dazju provviżorju huwa hawnhekk ikkonfermati.

6.2. **L-impatt fuq l-utenti**

(136) Wara l-pubblikazzjoni tar-Regolament tad-dazju provviżorju, numru ta' utenti tal-Komunità affermaw li l-imposizzjoni tad-dazji ta' kontra d-*dumping* jista' jkollhom effetti negattivi fuq il-kompetizzjoni tal-prodotti li qabdu n-niżla u b'hekk ikunu mhedda li jfallu. Fl-opinjoni tagħhom, l-imposizzjoni tad-dazji ta' kontra d-*dumping* joħolqu żidiet fil-prezz li l-utenti jkollhom bżonn biex jirriflettu prodotti li qabdu n-niżla. Dan l-iżvilupp imbagħad joħloq żieda fl-importazzjoni tal-prodotti ta' prezz ibgħax mill-pajjiżi terzi oħra u mill-pajjiżi konċernati f'din l-investigazzjoni.

(137) Barra minn dan, Eurofibrefill irreaġixxiet għar-Regolament tad-dazju provviżorju u sostniet li PSFNS speċifiku jew ma kienx prodott assolutament mill-industrija tal-Komunità, jew inkella mhux fi kwantitajiet suffiċjenti li jkoppru d-domanda tal-Komunità. Fl-opinjoni tagħhom, din is-sitwazzjoni hi dovuta għall-fatt li l-industrija tal-Komunità ffokat l-iktar fuq il-produzzjoni tal-PSFS. Għalhekk irid jitkompla jinġieb il-PSFNS minn barra, minkejja l-imposizzjoni proposta tad-dazji ta' kontra d-*dumping*.

(138) Eurofibrefill sostniet ukoll li l-impatt fuq il-miżuri proposti fuq l-utenti għandu jkun stmat u għandhom ikunu kkunsidrat il-miżuri anti-sussidjarji u dawk eżistenti ta' kontra d-*dumping* fuq l-importazzjonijiet minn pajjiżi oħra (eż. mit-Tajwan). Fl-opinjoni tagħhom, l-industrija tal-Komunità kontinwament issaqsi għall-protezzjoni u li fil-futur qrib l-għejun kollha tal-provvisti jkunu suġġetti għall-miżuri ta' kontra d-*dumping* jew miżuri kompensatorji.

(139) Biex jappoġġaw il-pretensjoni tal-Eurofibrefill, tnejn mill-membri tagħha pprovdew lill-Kummissjoni ittri indirizzati lill-produtturi inklużi fl-industrija tal-Komunità li juru li dawn il-produtturi ma setgħux jipprovdu t-tipi mitluba ta' PSF fi żmien qasir.

(140) Għandu jkun innotat li ċerti utenti imsemmija hawn fuq li wrew ruħhom wara l-imposizzjoni tad-dazji provviżorji jew ma għamlux lilhom infushom magħrufa fiż-żmien limitat dikjarat fl-Avviż tal-Bidu tal-proċedura, jew inkella ma weġbux għall-kwestjonarju mibgħut mill-Kummissjoni f'dak l-istadju. Konsegwentement, ħafna minnhom ma setgħux ikunu kkunsidrati bħala partijiet interessati skond l-Artikolu 21(2) tar-Regolament bażiku u l-opinjonijiet tagħhom ma setgħux, normalment, ikunu kkunsidrati fl-istadju definittiv tal-proċedura.

(141) Barra minn hekk, kif dikjarat fil-premess 102 tar-Regolament tad-dazju provviżorju, il-livell fuq kollox tal-koperazzjoni fl-interess ta' l-investigazzjoni tal-Komunità kienet baxxa ħafna. Il-kumpanniji ta' l-utenti li pparteċipaw fl-investigazzjoni rrappreżentaw biss madwar 4 % tal-konsum totali fis-suq tal-Komunità. Għalhekk kien ikkunsidrat li fuq livell usa' ma kienx hemm tħassib dwar l-impatt ta' l-imposizzjoni tal-miżuri ta' kontra d-*dumping* fuq il-PSF dwar l-attivitajiet tagħhom. F'kull ċirkostanza, kien ikkunsidrat li ma setgħux isiru konklużjonijiet siewja minn din l-informazzjoni limitata.

(142) Rigward il-pretensjoni tal-Eurofibrefill, li l-industrija tal-Komunità ffokat l-iktar fuq il-PSFS, għandu jkun innotat li, kif spjegat diġà hawn fuq, il-produzzjoni ta' l-industrija tal-Komunità u l-bejgħ tat-tipi tal-PSFNS irrappreżentaw madwar 75 % tal-produzzjoni totali matul l-IP. Għalhekk il-pretensjoni li l-industrija tal-Komunità ffokat fuq il-PSFS ma kinitx ikkonfermata mill-investigazzjoni.

(143) Rigward id-disponibbilità tat-tipi speċifiċi ta' PSF, huwa mfakkar li ma hemmx diffikultajiet tekniċi jew inkella hemm ftit biex tipproduċi kull tip ta' fibra. Sa fejn l-industrija tal-Komunità hija kkonċernata u kif dikjarat diġà fil-premess 20, kien misjub li tista' tipproduċi t-tipi kollha ta' PSF mingħajr ma żżid xi investimenti sinifikanti. Il-parametru importanti li jinfluenza d-deċiżjoni li tipproduċi ċerti tipi kien jekk il-prezz li l-utent kien lest li jħallas ikoprix l-ispejjeż tal-produzzjoni u jħalli lok għall-profitt. Sakemm prodotturi li jesportaw li jippratikaw d-*dumping* kienu qed jieħdu vantaġġ minn prattika tal-kummerċ li mhix ġusta u offrew PSF bi prezzijiet baxxi fis-suq tal-Komunità, l-industrija tal-Komunità ma setgħetx u ma riditx tikkompeti u għalhekk ma pproduċietx dawn it-tipi fiċ-ċirkostanzi spissi tas-suq. Madankollu, għall-futur wieħed jista' jistenna li ladarba s-sitwazzjoni terġa tkun stabbilita fejn il-produtturi li jesportaw jagħmlu l-esportazzjoni tagħhom bil-kondizzjonijiet ġusti fis-suq, l-industrija tal-Komunità terġa tibda tipproduċi dawn it-tipi ta' prodotti.

(144) F'kull ċirkostanza, l-informazzjoni disponibbli dwar l-istruttura ta' l-ispiża ta' l-industrija ta' l-utent, il-livell tal-miżuri proposti u s-sehem bejn l-importazzjoni tad-*dumping* u l-għejun l-oħra tal-provvisti juru li:

— il-PSF jirrappreżenta bejn 25 % u 45 % ta' l-ispiża totali tal-produzzjoni ta' l-utenti tal-prodotti *downstream*;

— id-dazju medju ta' kontra d-*dumping* huwa madwar 22 % għall-pajjiżi konċernati;

— is-sehem ta' l-importazzjoni tad-*dumping* huwa ta' 9 % tal-konsum totali tal-PSF.

Il-miżuri proposti għalhekk jista' jkollhom impatt li jżidu l-ispiża tal-produzzjoni ta' l-utenti minn 0,5 % sa 0,9 %. Din iż-żieda massima hija kkunsidrata relattivatment baxxa meta komparata ma' l-impatt possittiv tal-miżuri proposti biex jirkupraw il-kompetizzjoni effettiva fis-suq tal-Komunità.

(145) Din l-analiżi fuq l-impatt tal-miżuri proposti fuq l-utenti għalhekk uriet li l-imposizzjoni tal-miżuri ta' kontra d-*dumping* x'aktarx ma kinitx se toħloq żieda fl-importazzjoni ta' prodotti rħas fil-Komunità. Din il-konklużjoni ntlaħqet ukoll fl-assenza ta' kull evidenza mill-utenti konċernati li jissostanzjaw il-pretensjoni tagħhom, eż. li l-miżuri tal-passat fuq dan il-prodott kien wassal għal dawn l-effetti.

(146) Barra minn hekk, rigward l-impatt tal-miżuri eżistenti fuq l-ispiża tal-produzzjoni ta' l-industriji ta' l-utenti, għandu jkun innotat li l-miżuri ta' kontra d-*dumping* infurzati fuq il-PSF kontra il-pajjiżi terzi huma diġà riflessi fl-informazzjoni ta' l-ispiża, użata mill-Kummissjoni fl-investigazzjoni ta' interess fil-Komunità kurrenti.

(147) Safejn il-miżuri kompensatorji imposti fuq il-qafas tal-proċedura anti-sussidjarja parallela huma kkonċernati, ġie stabbilit li l-impatt tagħhom jista' joħloq żieda ta' bejn 0,1 u 0,16 % fuq l-ispiża tal-produzzjoni fuq il-kumpanniji ta' l-utenti. Konsegwentement l-impatt total ital-miżuri kompensatorji u dawk proposti kontra d-*dumping* jistgħu jwasslu għal żieda possibli ta' bejn 0,6 u 1,06 % ta' l-ispiża tal-produzzjoni ta' l-industriji kollha ta' l-utenti.

(148) F'dan il-kuntest, għandu jkun imfakkar li s-sehem ta' l-importazzjoni mill-pajjiżi konċernati bil-proċeduri kollha ta' kontra d-*dumping*, li jinkludi il-proċedura preżenti u l-proċedura anti-sussidjarja parallela, irrappreżentaw madwar 37 % ta' l-importazzjoni totali għas-suq tal-Komunità matul l-IP. Għalhekk jidher li hemm għejun oħra sinifikanti ta' provvisti, li għalihom ma japplikawx dazji kompensatorji jew dazji ta' kontra d-*dumping*.

(149) Ladarba l-eżami ta' l-argumenti ta' hawn fuq sottomessi mill-kumpanniji ta' l-utenti ma jwasslux għall-konklużjonijiet ġodda, il-konsiderazzjonijiet tal-premess 105 tar-Regolament tad-dazju provviżorju fuq l-impatt tal-miżuri proposti għall-utenti huma hawnhekk ikkonfermati.

6.3. **Il-konklużjoni**

(150) L-argumenti l-ġodda milqugħa rigward id-determinazzjoni ta' l-interess tal-Komunità, mhumiex ikkunsidrati li jbiddlu l-konklużjoni li ma jeżistu l-ebda raġunijiet interessanti kontra l-imposizzjoni tal-miżuri ta' kontra d-*dumping*. Ir-riżultati provviżorji huma għalhekk ikkonfermati.

7. **ID-DAZJU DEFINITTIV**

(151) Fid-dehra tal-konklużjonijiet milħuqa rigward d-*dumping*, l-inġurja, il-kawżalità u l-interess tal-Komunità, huwa kkunsidrat li l-miżuri definittivi ta' kontra d-*dumping* għandhom jittieħdu biex ma titħalliex issir inġurja iktar lill-industrija tal-Komunità permezz ta' l-importazzjoni tad-*dumping* mill-Awstralja, l-Indoneżja u t-Tajlandja.

7.1. **Il-livell ta' l-eliminazzjoni ta' l-inġurja**

(152) Kif spjegat fil-premess 108 tar-Regolament tad-dazju provviżorju, livell ta' prezzijiet li ma jagħmilx inġurja kien determinat li jkopri l-ispiża tal-produzzjoni ta' l-industrija tal-Komunità u qligħ raġonevoli jkun miksub fl-assenza ta' l-importazzjoni tad-*dumping* mill-pajjiżi konċernati.

(153) Ir-RTG u xi produtturi li jesportaw sostnew li waqt li kien imsemmi fir-Regolament tad-dazju provviżorju li 6,7 % tal-profitt miksub mill-industrija tal-Komunità matul l-IP ma kienx adegwat fil-proċedura preżenti, kien ikkunsidrat raġonevoli fil-proċeduri [1] ta' qabel li jinvolvu PSF u PTY (poliester minsuġ b'filament tal-ħajt). Fuq din il-bażi huma studjaw il-livell tal-marġni tal-profitt mitlub ta' 10 % fil-proċedura preżenti li fl-opinjoni tagħhom il-Kummissjoni ma ġġustifikatx.

[1] PSF minn Belarus, PTY (Polyester textured filament yarn) mill-Indoneżja u t-Tajlandja.

(154) Produtturi oħra li jesportaw sostnew li l-ġustifikazzjoni tal-Kummissjoni fir-Regolament tad-dazju provviżorju li l-profitt mitlub għandu jassigura l-vijabilità għal tul taż-żmien ta' l-industrija tal-Komunità ma kienx validu skond l-aħħar ġurisprudenza mill-Qorti ta' Prim' Istanza fuq din il-kwistjoni.

(155) Safejn il-profitt mitlub huwa konċernat, għandu jkun innotat li l-Kummissjoni indikat li fil-premess 79 tar-Regolament tad-dazju provviżorju li marġni ta' 10 % għandu jkun ikkunsidrat bħala l-inqas li jista' jassigura l-vijabilità ta' l-industrija. Il-prospett għandu jidher fid-dawl tal-kontenut tal-premess 101 tar-Regolament tad-dazju provviżorju li jindika li l-industrija tal-Komunità soffriet minn importazzjoni tad-*dumping* bi prezz baxx minn pajjiżi differenti u sar telf għal għaxar snin. F'dan il-kuntest, il-profitt miksub mill-industrija tal-Komunità qabel ma bdiet l-importazzjoni tad-*dumping* mill-Awstralja, l-Indoneżja u t-Tajlandja mhix bażi li tista' toqgħod fuqha biex tiddetermina dan il-profitt.

(156) Barra minn dan, għandu jkun innotat li, kif mistqarr mill-produtturi li jesportaw infushom, l-industrija tal-PTY hija kompletament differenti mill-industrija tal-PSF. Għalhekk, kien ikkunsidrat li l-profitt għall-PTY mhux relevanti biex jistabilixxi l-profitt għall-PSF.

(157) Barra minn hekk, huwa kkunsidrat li l-livell tal-profitt maħsub neċessarju għall-industrija tal-Komunità fl-1994 mhux neċessarju li jiddetermina l-marġni li għandu jintuża għal mhux iktar minn erba' snin. L-ewwel nett, minħabba li l-industrija tal-Komunità kompliet tagħmel telf finanzjarju wara l-1994. It-tieni nett, minħabba l-profitt fl-1994 kien determinat wara li kkunsidraw il-bżonnijiet għal tul ta' żmien fl-investimenti għal dak iż-żmien waqt li fil-każ preżenti, kien meqjus it-telf għal tul ta' żmien li sar mill-industrija tal-Komunità u, kif innotat minn ċerti produtturi li jesportaw, il-livell tal-profitt li jista' jintlaħaq fl-assenza ta' l-importazzjoni tad-*dumping*. F'kull ċirkostanza, madankollu, anke jekk tħaddem il-marġni tal-profitt suġġerit ta' 6 %, il-livell tal-miżuri proposti ma jinbidlux minħabba li l-miżuri jibqgħu bbażati fuq il-marġni tad-*dumping*.

(158) Finalment, għandha tingħata importanza għall-fatt li l-produtturi li jesportaw imsemmija hawn fuq ma pprovdew l-ebda evidenza li turi li l-approċċ tal-Kummissjoni fuq il-livell raġonevoli tal-profitt ma kienx korrett u ma għamlux analiżi relevanti li turi t-tip ta' marġni li għandu jkun.

(159) Konsegwentement, ibbażat fuq dak li ntqal qabel, il-kontenut tal-premess 108 tar-Regolament tad-dazju provviżorju huwa hawnhekk ikkonfermat.

7.2. **Il-forma u l-livell tad-dazju**

(160) Skond l-Artikolu 9(4) tar-Regolament bażiku r-rati tad-dazju ta' kontra d-*dumping* jikkorrispondu mal-marġni tad-*dumping*, minħabba li l-marġni ta' l-inġurja jinsabu għoljin għall-esportaturi kollha fil-pajjiżi konċernati.

(161) Madankollu, rigward il-proċedura parallela anti-sussidjarja, skond l-Artikolu 24(1) tar-Regolament (KE) Nru 2026/97 [1] (hawnhekk iżjed 'il quddiem "ir-Regolament bażiku anti-sussidjarju") u l-Artikolu 14(1) tar-Regolament bażiku, l-ebda prodott mhu se jkun suġġett għad-dazji kemm kompensatorji u kemm ta' kontra d-*dumping* għar-raġunijiet li trid tiftiehem ma' waħda u l-istess sitwazzjoni li titqajjem mis-sussidju tad-*dumping* u ta' l-esportazzjoni. Fl-investigazzjoni preżenti, instab li dazju definittiv ta' kontra d-*dumping* għandu jkun impost fuq l-importazzjoni tal-prodott konċernat li joriġina mill-Awstralja, l-Indoneżja u t-Tajlandja u għalhekk, huwa neċessarju li tiddetermina jekk, u sa meta, is-sussidju u l-marġni tad-*dumping* jitqajmu mill-istess sitwazzjoni.

(162) Fil-proċedura parallela anti-sussidjarja instab li, fost ħwejjeġ oħra, fit-Tajlandja (il-kumpanniji kollha) u l-Indoneżja (il-kumpanniji li jikkoperaw biss), il-livell tas-sussidju kien taħt il-livell minimu u għalhekk, l-ebda dazju kompensatorju ma kien impost.

[1] ĠU L 288, 21.10.97, p. 1.

(163) Rigward l-Awstralja, dazju definittiv kompensatorju li jikkorrispondi ma' l-ammont tas-sussidju, li nstab li kien inqas mill-marġni ta' l-inġurja, kien propost skond l-Artikolu 15(1) tar-Regolament bażiku anti-sussidjarju. L-iskemi sussidjarji kollha investigati fl-Awstralja kkostitwew sussidji ta' l-esportazzjoni fis-sens ta' l-Artikolu 3(4)(a) tar-Regolament bażiku anti-sussidjarju. Proprjament, is-sussidji jistgħu jaffettwaw biss il-prezz ta' l-esportazzjoni tal-produttur Awstraljan li jesporta, b'hekk iwassal għal żieda fil-marġni tad-*dumping*. Fi kliem ieħor, il-marġni definittiv tad-*dumping* stabbilit biss għall-produttur Awstraljan li jikkopera huwa dovut għall-eżistenza tas-sussidji ta' l-esportazzjoni. F'dawn iċ-ċirkostanzi, mhuwiex ikkunsidrat xieraq li timponi dazji kemm kompensatorji u kemm ta' kontra d-*dumping* sa fejn ilaħħaq is-sussidju relevanti u l-marġni tad-*dumping* stabbiliti definittivament. Għalhekk, id-dazju definittiv ta' kontra d-*dumping* għandu jkun aġġustat biex jirrifletti l-marġni attwali tad-*dumping* li jifdal wara l-imposizzjoni tad-dazju kompensatorju definittiv li jiżbilanċja l-effett tas-sussidji ta' l-esportazzjoni.

(164) Għall-produtturi Indoneżjani li jesportaw li ma jikkoperawx, dazju kompensatorju definittiv li jikkorrispondi ma' l-ammont tas-sussidju, li nstab li kien inqas mill-marġni ta' l-inġurja, kien propost skond l-Artikolu 15(1) tar-Regolament bażiku anti-sussidjarju. Kien determinat li nofs l-iskemi tas-sussidju fl-Indoneżja kkostitwew sussidji ta' l-esportazzjoni fis-sens ta' l-Artikolu 3(4)(a) tar-Regolament bażiku anti-sussidjarju. Proprjament, is-sussidji jistgħu jaffettwaw biss il-prezz ta' l-esportazzjoni tal-produtturi Indoneżjani li jesportaw li ma jikkoperawx, dan iwassal għal żieda fil-marġni tad-*dumping*. Fi kliem ieħor, il-marġni tad-*dumping* definittiv stabbilit għal dawn il-produtturi Indoneżjani li jesportaw li ma jikkoperawx huwa dovut min-naħa għall-eżistenza tas-sussidji ta' l-esportazzjoni. F'dawn iċ-ċirkostanzi, mhux ikkunsidrat xieraq li timponi kemm dazji kompensatorji kif ukoll dazji ta' kontra d-*dumping* sa fejn iwassal is-sussidju relevanti u l-marġni tad-*dumping* definittivament stabbiliti. Għalhekk, id-dazju definittiv ta' kontra d-*dumping* għall-produtturi Indoneżjani li jesportaw li ma jikkoperawx għandu jkun aġġustat biex jirrifletti l-marġni attwali tad-*dumping* li jifdal wara l-imposizzjoni tad-dazju kompensatorju definittiv li jiżbilanċja l-effett tas-sussidji ta' l-esportazzjoni.

(165) Fuq il-bażi ta' dan li jissemma' hawn fuq, ir-rati tad-dazju definittiv, li jidhru bħala persentaġġ tal-prezz tal-marġni tal-Komunità cif, id-dazju tad-dwana mhux imħallas, meta jitqiesu r-riżultati tal-proċedura anti-sussidjarja, huma kif ġej:

Il-pajjiż	Il-kumpannija	Ir-rata tad-dazju ta' kontra d-*dumping*
L-Awstralja	Il-kumpanniji kollha	12,0 %
L-Indoneżja	P.T. Is-sintetiċi ta' Indorama Tbk	8,4 %
	P.T. Panasia Indosyntec	14,8 %
	P.T. GT L-industrija ta' Petrochem Tbk	14,0 %
	P.T. L-industrija tal-Fibra Sintetika ta' Susilia Indah	14,0 %
	P.T. Il-Korporazzjoni tal-Fibra ta' Teijin l-Indoneżja Tbk	14,0 %
	Il-kumpanniji l-oħra kollha	15,8 %
It-Tajlandja	Indo Poly (it-Tajlandja) Ltd.	15,5 %
	Teijin Polyester (it-Tajlandja) Ltd.	26,9 %
	Teijin (it-Tajlandja) Ltd.	26,9 %
	Il-kumpanniji l-oħra kollha	27,7 %

(166) Il-kumpannija individwali bir-rati tad-dazju ta' kontra d-*dumping* f'dan ir-Regolament kien stabbiliti fuq il-bażi tar-riżultati ta' l-investigazzjoni preżenti. Għalhekk, huma jirriflettu s-sitwazzjoni li nstabet matul dik l-investigazzjoni rigward dawn il-kumpanniji. Dawn ir-rati tad-dazju (kontra d-dazju ta' kullimkien applikabbli għall-"kumpanniji l-oħra kollha") huma għallhekk esklussivament applikabbli għall-importazzjoni tal-prodotti li joriġinaw mill-pajjiż konċernat u magħmul mill-kumpanniji u għalhekk imsemmi mill-entitajiet speċifiċi u legali. Prodotti importati u magħmula minn kull kumpannija oħra li mhux speċifikament imsemmija fil-parti operattiva ta' dan ir-Regolament bl-isem u l-indirizz tagħha, li tinkludi entitajiet relatati ma' dawk imsemmija speċifikament, ma jistgħux jibbenefikaw minn dawn ir-rati u għandhom ikunu suġġetti għar-rata tad-dazju applikabbli għall-"kumpanniji l-oħra kollha".

(167) Kull pretensjoni li titlob l-applikazzjoni ta' dawn ir-rati tad-dazju ta' kontra d-*dumping* tal-kumpannija individwali (eż. wara bidla fl-isem ta' l-entità jew wara t-twaqqif ta' produzzjoni ġdida jew entitajiet tal-bejgħ) għandha tkun indirizzata lill-Kummissjoni [1] minnufih bl-informazzjoni kollha relevanti, b'mod partikolari xi modifikazzjoni fl-attivitajiet tal-kumpannija li hi magħquda mal-produzzjoni, bejgħ domestiku u dak ta' l-esportazzjoni assoċjat e.ż mal-bidla ta' dak l-isem jew mal-bidla tal-produzzjoni u l-entitajiet tal-bejgħ. Il-Kummissjoni, fejn hu xieraq, għandha, wara konsultazzjoni mal-Kumitat ta' konsulenza, temenda r-Regolament għal din ir-raġuni billi taġġorna l-lista tal-kumpanniji li jibbenefikaw mir-rati tad-dazju individwali.

(168) Minħabba li ntużaw il-kampjuni f'din l-investigazzjoni tad- *dumping* fl-Indoneżja, reviżjoni ġdida ta' dawk li jesportaw skond l-Artikolu 11(4) tar-Regolament bażiku bil-għan li tiddetermina l-marġni tad-*dumping* individwali ma tistax tkun mibdija f'din il-proċedura sakemm iddum tikkonċerna lill-Indoneżja. Madankollu, biex ikun żgurat trattament indaqs għal kull produttur Indoneżjan ġenwin li jesporta u l-kumpanniji li jikkoperaw li mhumiex inklużi fil-kampjun għal dan il-pajjiż, huwa kkunsidrat li għandha ssir disposizzjoni għad-dazju ta' piż medju impost fuq l-aħħar kumpanniji biex ikun applikat lil kull produttur Indoneżjan ġdid li jesporta li inkella jkun intitolat għall-reviżjoni skond l-Artikolu 11(4) tar-Regolament bażiku.

8. **IL-ĠBIR TAD-DAZJU PROVVIŻORJU**

(169) Fid-dehra tal-kobor tal-marġni tad-*dumping* li nstabu għall-produtturi li jesportaw, u fid-dawl tas-serjetà l-inġurja kkawżata lill-industrija tal-Komunità, huwa kkunsidrat neċessarju li l-ammonti assigurati permezz tad-dazju provviżorju ta' kontra d-*dumping* taħt ir-regolament tad-dazju provviżorju għandhom ikunu miġbura definittivament sa fejn iwassal l-ammont tad-dazji definittivi imposti jekk dan l-ammont huwa indaqs jew inqas mill-ammont tad-dazju provviżorju. Inkella, l-ammont tad-dazju provviżorju biss għandu jkun miġbur definittivament,

ADOTTAT DAN IR-REGOLAMENT:

Artikolu 1

1. Dazju definittiv ta' kontra d-*dumping* huwa hawnhekk impost fuq l-importazzjoni tal-fibri prinċipali sintetiċi tal-poliester, mhux ippettnat jew inkella pproċessat għall-għażil, li jaqa' taħt il-kodiċi NM 5503 20 00 u li joriġina fl-Awstralja, fl-Indoneżja u fit-Tajlandja.

2. Ir-rata tad-dazju definittiv applikabbli għall-prezz nett b'xejn fil-fruntiera tal-Komunità, għall-prodotti magħmula mill-kumpanniji indikati għandha tkun kif ġej:

Il-pajjiż	Il-kumpannija	Ir-rata tad-dazju	TARIC kodiċi miżjud
L-Awstralja	Il-kumpanniji kollha	12,0 %	—
L-Indoneżja	P.T. Indorama Synthetics Tbk, Graha Idma, 17-il sular, Jl. HR Rasuna Said Blok X-1, Kav. 1-2, P.O. Box 3375 Jakarta 12950, l-Indoneżja	8,4 %	A051
	P.T. Panasia Indosyntec Jl. Garuda 153/74, Bandung 40184, l-Indoneżja	14,8 %	A052
	P.T. GT Petrochem/l-industriji ta' Petrochem Tbk, Exim Melati Building –id-9 sular, Jl. M.H. Thamrin Kav. 8-9, Jakarta 10230, l-Indoneżja	14,0 %	A053

[1] Kummissjoni Ewropea, Direttorat Kummerċ Ġenerali, Directorade C, DEM 24-8/38, Rue de la Loi/Wetstraat 200, B-1049 Brussel/Belġju.

Il-pajjiż	Il-kumpannija	Ir-rata tad-dazju	TARIC kodiċi miżjud
	P.T. L-industrija tal-Fibra Sintetika ta' Susila Indah, Jl. Kh. Zainul Arifin Kompleks Ketapang Indah Blok B 1 No.: 23, Jakarta 11140, l-Indoneżja	14,0 %	A054
	P.T. Il-Korporazzjoni tal-Fibra ta' Teijin l-Indoneżja Tbk, il-5 sular Mid Plaza 1, Jl Jend. Sudirman Kav. 10-11, Jakarta 10220, l-Indoneżja	14,0 %	A055
	Il-kumpanniji l-oħra kollha	15,8 %	A999
It-Tajlandja	Indo Poly (Thailand) Ltd. 35/8 MOO 4, Tambol Khunkaew Amphur Nakhornchaisri, Nakhornprathom 73120 It-Tajlandja	15,5 %	A056
	Teijin Polyester (It-Tajlandja) Ltd. id-19-il sular, Ploenchit Tower 898 triq Ploenchit, Lumpinee, Patumwan Bangkok 10330, it-Tajlandja	26,9 %	A155
	Teijin (it-Tajlandja) Ltd., id-19-il sular, Ploenchit Tower 898 triq Ploenchit, Lumpinee, Patumwan Bangkok 10330, it-Tajlandja	26,9 %	A155
	Il-kumpanniji l-oħra kollha	27,7 %	A999

3. Sakemm mhux speċifikat mod ieħor, id-disposizzjonijiet fis-seħħ dwar id-dazji tad-dwana għandhom japplikaw.

Artikolu 2

Fejn kull produttur ġdid li jesporta fl-Indoneżja jipprovdi evidenza biżżejjed lill-Kummisjoni li

— ma ġewx esportati lill-Komunità l-prodotti msemmija fl-Artikolu 1(1) matul l-IP,

— mhux relatat ma' xi produtturi jew esportaturi fl-Indoneżja li huma suġġetti għall-miżuri imposti ta' kontra d-*dumping* permezz ta' dan ir-Regolament,

— Attwalment ġew esportati lill-Komunità l-prodotti konċernati wara l-IP li fuqhom ġew ibbażati l-miżuri, jew inkella daħal f'obbligazzjoni ta' kontratt irrevokabbli biex jesporta kwantità sinifikanti lill-Komunità,

il-Kunsill, li jaġixxi b'maġġoranza sempliċi fuq il-proposta sottomessa mill-Kummissjoni wara li kkonsultat lill-Kumitat ta' Konsulenza, jista' jemenda l-Artikolu 1(2) billi jżid il-produttur il-ġdid li jesporta mal-kumpanniji suġġetti għar-rata tad-dazju ta' piż medju li qegħdin fil-lista ta' dak l-Artikolu.

Artikolu 3

L-ammonti assigurati permezz tad-dazju provviżorju ta' kontra d-*dumping* fuq l-importazzjoni li joriġinaw mill-Awstralja, l-Indoneżja u t-Tajlandja taħt ir-Regolament tad-dazju provviżorju għandhom jinġabru bir-rata tad-dazju impost definittivament minn dan ir-Regolament. L-ammonti assigurati fl-eċċess tar-rata tad-dazju definittiv ta' kontra d-*dumping* għandhom jitħallew/jinħelsu. F'każijiet fejn ir-rata tad-dazju definittiv impost huwa oġħla mir-rata tad-dazju provviżorju, l-ammonti assigurati biss fil-livell tad-dazju provviżorju għandhom ikunu miġbura definittivament.

Artikolu 4

Dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ fil-jum ta' wara l-pubblikazzjoni tiegħu fil-*Ġurnal Uffiċjali tal-Komunitajiet Ewropej*.

Dan ir-Regolament għandu jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri kollha.

Magħmul fi Brussel, fl-10 Lulju 2000.

F'isem il-Kunsill

Il-President

H. VÉDRINE